# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 381 • ĠUNJU-LULJU 2018 • IT-38 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



## BORD EDITORJALI

**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act



**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

**Telefown:** 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com



IISN 1811-5373

**Disinn u Stampar:** Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2018



Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini


Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.




## WERREJ


3 Editorjal
Fr Philip Cutajar OFMCap
Iċ-ċensiment... ġie u għadda?

5 Il-Kelma ta' Alla
Mons. Lawrenz Sciberras
Il-Ferħ

8 Kartakeżi
Emanuel Micallef
Il-kurazza tal-ġustizzja. Kif tilbes il-ġustizzja

10 Qaddisin mudelli għal ħajjitna
Fr Martin Mamo OFMCap
Santu Wistin
Il-Qaddis li jkellimna llum

12 Padre Pio tal-pjagi
Grupp ta' talb ta' Patri Piju
L-ingwanta tal-Qaddis Padre Pio

14 Knisja: Ħajja, ħidma u aħbarijiet
Fr Silvestru Bonavia OFMCap
It-tiġdid f'ħajjitna

16 Aħbarijiet tal-Provinċja
Br Miguel Zammit OFMCap
Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin

18 Esperjenza missjunarju fil-Kenja
Fr Philip Cutajar OFMCap
Wajir (It-3 Parti)

23 Poeżija
Kav. Joe M. Attard
Tislima lin-Nanniet

24 Aħbarijiet
Fr Philip Cutajar OFMCap
Ħuna Patri Mudest Gatt jidħol fil-ħajja ta' dejjem

26 Il-Belt Valletta Ġawhra Unika
Joseph C. Camilleri
Il-Knisja tal-Vitorja

27 Poeżija
Dun Geoffrey G. Attard
Lil art twelidi f'siegħa ta' niket

28 Padre Pio
Fr Joe Buttigieg OFMCap
Il-kuruna tax-xewk u l-flaġellazzjoni

30 Qaddisin mudelli
Philip E. Said
Bejn il-Bibja u Dun Karm

31 Kompetizzjoni
Fr Wistin Attard OFMCap
Rokna għat-Tfal


**JUM IL-MISSJONI TAL-FRANĠISKANI KAPUĊĊINI**
**ser jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru 2018, fil-Knisja tal-Franġiskani Kapuċċini, Il-Furjana, fis-6.00 p.m.**

**Ikollna Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-Eċċ Mons Pawlu Darmanin OFMCap Isqof Emeritus ta' Garissa bl-omelija mill-Ministru Provinċjal Fr Effie Mallia OFMCap**

**Il-qraba u l-ħbieb tal-missjunarji flimkien mal-benefatturi kollha tal-missjoni tal-Kapuċċini huma mistiedna.**

### Ħsieb tal-faċċata

Iċ-ċensiment tal-attendenza għall-quddiesa fil-Ħdud ġie u għadda. Lilek kif laqtek? X'inhi r-reazzjoni tiegħek? Int ma' liema kategorija qiegħed? Mal-40 fil-mija jew mas-60 fil-mija? Nirriflettu u naġixxu sabiex l-40 fil-mija jġib lura s-60 fil-mija.

# IĊ-ĊENSIMENT...
# ĠIE U GĦADDA?





EDITORJAL
FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

Iċ-ċensiment dwar il-parteċipazzjoni tal-quddies, li sar is-Sibt 2 u l-Ħadd 3 ta' Diċembru 2017, kien hemm min qabel miegħu u kien hemm min le. Kien hemm min kien tal-fehma li ma kienx hemm għalfejn isiru ċensimenti, għaliex ir-riżultat tal-attendenza għall-quddies nafuh. Kull kappillan suppost li dan jafu jekk huwa qrib il-merħla fdata f'idejh u għandu tassew 'ir-riħa tan-nagħaġ'. Kien hemm min ma riedx li jsiru ċensimenti ta' dan it-tip minħabba l-biża' li tinkixef ir-realtà. Biża' mir-realtà! Imma issa li sar, tajjeb li nagħmlu l-almu kollu tagħna bil-għan li jsir l-istudju meħtieġ tar-riżultati li għandna f'idejna.

B'differenza għal dak li kien isir qabel, din id-darba sar ukoll 'stħarriġ' bil-għan li l-Knisja jkollha stampa wiesgħa u fattwali tas-soċjetà biex tippjana u taqdi b'mod aktar effettiv il-ħidma pastorali tagħha fis-snin li ġejjin. Dan l-istħarriġ sar eżatt wara ċ-ċensiment, jiġifieri bejn l-4 u t-8 ta' Diċembru li għadda. Dan twettaq bit-telefown minn MISCO INTERNATIONAL fost kampjun ta' elf ruħ, bil-għan li l-Knisja tisma' lil kulħadd, inkluż lil dawk li ma jmorrux għall-quddies. Għal dan kollu nagħtu prosit lid-DISCERN għall-impenn tiegħu bil-għan li kollox isir bis-serjetà meħtieġa u fuq livell xjentifiku.

## Ir-Riżultati

Nhar it-12 ta' April 2018 kellna f'idejna r-riżultati uffiċjali. Minn dak li ħareġ bħala riżultat taċ-ċensiment "Il-Parteċipazzjoni fil-Quddies tal-Ħdud 2018" jidher ċar li qrib l-40% tal-Maltin jattendu għall-quddiesa ta' jum il-Mulej. Dan ifisser 11% inqas miċ-ċensiment li kien sar 13-il sena ilu, jiġifieri fis-sena 2005. Hemm min b'dawn ir-riżultati f'idejh jikkonkludi li l-parteċipazzjoni fil-quddies tal-Ħdud qed tonqos b'madwar 1% kull sena.

Fl-istess waqt ir-riżultat jurina li filwaqt li 92% tal-Maltin jistqarru li huma Kattoliċi, 74 minn dawn jattendu għall-quddiesa tal-Ħadd almenu darba fix-xahar. Dawk li ma jattendux regolarment għall-quddiesa tal-Ħadd taw ir-raġunijiet tagħhom, fosthom: *'Għax ma naqbilx mat-tagħlim tal-Knisja'* u *'Għax ma nsibx ħin għall-quddies.'* Riżultat ieħor li għandna f'idejna permezz ta' dan l-aħħar ċensiment huwa li 75% tal-Maltin jitolbu kuljum.

Tajjeb li ma' dawn ir-riżultati nżidu wkoll dak li ħareġ mill-*Malta Today Survey*. Skont dan għandek 53% tal-Maltin li jmorru l-quddiesa tal-Ħadd filwaqt li 88.8% huma kontra li mill-Kostituzzjoni ta' Malta jitneħħa l-artiklu li r-reliġjon Kattolika hija r-reliġjon uffiċjali tal-pajjiż.

## Reazzjonijiet

Dawn ir-riżultati għal uħud kienu mistennija filwaqt li għal oħrajn kienu sorpriża. Kienu sorpriża f'żewġ aspetti: għax kien hemm min stenna riżultati agħar u kien hemm min stenna aħjar. Nistgħu ngħidu li quddiem dawn ir-riżultati kien hemm tliet reazzjonijiet prinċipali:

- L-ewwel reazzjoni kienet dik tal-pessimisti u n-negattivi, speċjalment fejn jidħlu l-affarijiet tal-Knisja. Dawn it-tipi maħkuma minn din l-attitudni ma waqfux jikkritikaw u anke jikkundanaw lill-Knisja, iż-żminijiet li ngħixu fihom, is-soċjetà maħkuma minn sekulariżmu sfrenat, il-politika, u oħrajn. Għalihom kollox qed jispiċċa u morna l-baħar. Dawn huma dik il-kategorija ta' nies li qegħdin bil-bagalja f'idejhom ma jagħmlu xejn ħlief jistennew li l-affarijiet ikomplu jmorru mill-ħażin għall-agħar.
- It-tieni reazzjoni kienet dik tal-fatalisti: "M'hemmx x'tagħmel. Qed nagħżqu fl-ilma. Għalxejn nippritkaw. Id-dinja, il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali u l-kurrenti huma kollha kontrina." Iwaħħlu fix-xitan (miskin, kollox hu jeħel bih). Din il-kategorija ta' Maltin b'din l-attitudni perikoluża huma

dawk li bil-mod il-mod qegħdin huma wkoll jitħallew jinġarru mill-kurrent u jmorru mal-folla... ma' dawk li sa issa huma s-60% li ma jmorrux il-quddiesa tal-Ħadd. Dawn huma fil-periklu li maż-żmien jitħalltu mal-folla u jsiru parti mill-folla u bħall-folla.

- **It-tielet reazzjoni** kienet dik tal-kategorija ta' Maltin li b'attitudni ferm pożittiva, hu x'inhu r-riżultat taċ-ċensiment, kienu jmorru b'konvinzjoni għall-quddiesa tal-Ħadd u ser jibqgħu jmorru. Huma dawk li filwaqt li b'deċiżjoni ħielsa u matura sejrin jibqgħu jesprimu l-appartenenza tagħhom fil-Knisja, sejrin ikomplu jitħalltu mal-folla bla ma joqogħdu jikkritikaw u jikkundunnaw. Ifittxu li jinkarnaw fil-folla biex bħall-ħmira fl-għaġna jittrasformaw dawk is-60% li huma 'l bogħod mis-sagramenti u mill-Knisja. Aħna msejħin sabiex inkunu **ħmira f'għaġna** li mhux bilfors tkun il-Knisja. Dawn iħossu li fiż-żmien li qed ngħixu huma msejħin sabiex ikunu bħal musbieħ fuq l-imnara, fejn jidher, bil-għan li jkunu tassew '**dawl tad-dinja**'.

## Riflessjoni

Int li qed taqra, nistaqsik:

- Inti ma' liema kategorija tgħodd lilek innifsek?
- X'kienet ir-reazzjoni tiegħek quddiem ir-riżultat tal-aħħar ċensiment?

- Qed tħares lejn l-40% li għadhom jipparteċipaw u trodd ħajr lil Alla, aktar u aktar jekk inti magħdud magħhom? Qed tħares lejn l-40% u tgħid li jekk dawn huma tassew konvinti mill-fidi tagħhom, kapaċi bix-xhieda ħajja li jagħtu jġibu lura lis-60% l-oħra?
- Jew qed tħares lejn is-60% li ddikjaraw li ma jmorrux il-quddiesa tal-Ħadd u tinfexx teħodha kontrihom, tikkritikahom u forsi tikkundannahom? Min qallek li dawk li ma jmorrux il-quddiesa tal-Ħadd huma agħar minn dawk li jmorru? U min qallek li dawk li jmorru huma aħjar minn dawk li ma jmorrux?
- Inħarsu lejn ir-riżultat taċ-ċensiment bħala realtà li fil-Knisja kienet teżisti sa minn żmien Ġesù, u tibqa' teżisti. Minn dejjem kien hemm u jibqa' jkun hemm dawk li **jibqgħu** u dawk li **jitilqu**. Għandna l-parabbola hekk imsejħa '**tal-Iben il-Ħali**': iż-żgħir fost l-ulied li telaq u l-kbir li baqa'. Imma ż-żgħir irritorna u sar aħjar mill-kbir li baqa', fejn dan tal-aħħar ma kienx qed japprezza l-valur tal-preżenza tiegħu f'dar missieru. X'tagħlima kbira għall-40% li baqgħu!
- Fir-rakkonti tal-Għid ta' Kristu Rxoxt għandna wkoll min telaq u min baqa'. Għandna lil Tumas li telaq imma reġa' ġie u ltaqa' ma' Kristu Rxoxt. Għandna wkoll lid-dixxipli ta' Għemmaws li telqu, imma Ġesù mar jiġri warajhom u baqa' sakemm ġabhom lura.

Inħallu li dawn ir-riflessjonijiet li qed naqsam magħkom jgħinuna sabiex inħarsu lejn ir-riżultati tal-aħħar ċensiment b'mod tassew oġġettiv, xjentifiku, pożittiv imma fuq kollox bibliku u teoloġiku. Nistgħu ngħidu li f'Malta għandna Knisja mhux tat-tajbin u l-ħżiena, mhux ta' dawk li baqgħu u dawk li telqu, imma għandna Knisja li qed tinbidel, li qed tiġi trasformata. Nitolbu li l-Ispirtu s-Santu jgħinna niskopru dawn is-sinjali ta' żmienna bil-għan li nkunu proattivi.



**Il-Mulej jagħtikom is-sliem!**

# IL-FERĦ





IL-KELMA TA' ALLA
MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

Ix-xjenza medika tgħidilna li l organiżmu kollu tal-ġisem jagħmel reazzjoni pożittiva ħafna meta wieħed jgħaddi minn jew iġarrab ċerti mumenti ta' ferħ. Id-demm meta jiċċirkola fil-bniedem jimtela b'ossiġnu aktar safi u nadif, tant li jġib aktar serħan fil-moħħ.

## X'inhu l-ferħ?

Il-ferħ huwa emozzjoni ftit jew wisq qawwija, iżda li ddum ftit tal-ħin. Dak li jwassal għal dan il-ferħ jista' jvarja minn individwu għal ieħor. Hawn għalhekk wieħed jista' jżomm li l-ferħ huwa ta' livell ogħla meta paragunat sempliċiment mal-pjaċir. Tant hu veru dan li wieħed jista' jkun tassew ferħan mingħajr però ma jurih jew jaqsmu mal-oħrajn!

Evidentement wieħed ma jistax jorbot il-veru ferħ ma' ġrajjiet jew kundizzjonijiet fuq livell purament ta' din id-dinja, eżempju l-kundizzjoni ekonomika, is-saħħa fiżika, is-sbuħija tal-ġisem u l-bqija. Ukoll jekk wieħed ma għandux inaqqas il-valur ta' dawn il-kundizzjonijiet, biss però dawn ma jirrendux tassew il-bniedem ferħan u jqegħduh f'postu fiċ-ċentru tiegħu. U jekk il-bniedem iħossu kuntent, dan ikun għal ftit tal-ħin biss.

Waqt ieħor ta' ferħ huwa s-sodisfazzjon li wieħed ikollu meta jikkonkludi b'suċċess biċċa xogħol fdata lilu. Biss, wieħed ma għandux jieqaf hemm, anzi għandu jagħmel pass pożittiv ieħor 'il quddiem. Jekk le, allura dan il-ferħ ikun għadu fuq livell baxx ħafna u malajr jgħaddi u jgħosfor. Allura l-ferħ tassew qatt ma jilħaq il-milja tiegħu. Jeżisti grad ieħor ta' ferħ, li mingħajr dubju jkun imsensel u marbut sew mal-imħabba konjugali. F'ċertu punt għalhekk dan il-ferħ joħroġ fil-beraħ fl-għaqda tal-ġisem bejn il-miżżewġin. Ekku allura, ukoll it-tfal huma ta' okkażjoni kbira u sabiħa ta' ferħ veru u sinċier fi ħdan il-familja. "Uliedek bħax-xitel taż-żebbuġ madwar il-mejda tiegħek" (Salm 127, 3).

## Il passatemp

Fi żminijietna, aktar ma jgħaddi ż-żmien, il-bniedem qiegħed ikollu dejjem aktar ħin liberu wara x-xogħol. Għalhekk dan il-ħin ta' mistrieħ il-bniedem jgħaddih fl-isports ta' kull għamla, logħob li ftit jew wisq inissel fih ċertu ferħ. Dan l-istess ħin liberu hemm ukoll min jgħaddih fix-xogħol tal-volontarjat. Hawn għalhekk jidħol il-messaġġ tal-Vanġelu, fejn wieħed jaqsam mal-oħrajn attivitajiet umanitarji lejn u ma' min hu anqas ixxurtjat. Minkejja dan, wieħed ma għandu qatt iqabbeż il-flus, altrimenti l-veru ferħ jgħib mill-qalb tal-individwu. F'dan il-kuntest wieħed jasal biex jagħti definizzjoni tal-veru ferħ: huwa esperjenza ta' dawl, mument fejn tidher l-id tad-divin, li jwarrab u jqiegħed fil-ġenb l-umanità ta' kuljum.



Fi żminijietna l-psikoloġija għallmitna li bosta drabi l-għejun prinċipali tal-ferħ veru huma l-ħlas affettiv, li toħroġ 'il barra minnek innifsek, li ma tqegħedx 'il fuq l-istima tiegħek innifsek u li tkun soċjevoli. Ir-riżultat ta' dawn huwa li tittollera lil ħaddieħor, li tkun ottimist, tara s-sabiħ u tgħin bil-ferħ. Minħabba dawn ir-raġunijiet, il-ferħ ikollu effett mhux biss fuq l-individwu imma wkoll fuq l-ambjent li bih dan ikun imdawwar. Hemm persuni li malli tkellimhom tħoss li qegħdin jgħaddulek il-ferħ intern li huma jkollhom f'qalbhom.

Wieħed mill-mezzi anke esterni li bihom wieħed jgħaddi l-ferħ lil ta' madwaru huwa xi ċajta ħelwa msieħba minn daħka sinċiera. Kawża tal-ferħ wieħed jista' jibda wkoll jitriegħed, jisfar jew wiċċu jiħmar. Hi kemxejn kurjuża, imma wieħed jista' anke jasal biex jibda jibki bil-ferħ!



## Fil-Bibbja

Fil-Greċja, u hawn irridu ndaħħlu l-influss tal-filosofija fuq il-kotba Sapjenzali, hemm distinzjoni ċara bejn il-ferħ spiritwali u dak materjali, mela r-ruħ u l-ġisem. Hekk fil-Bibbja tas-Sebgħin (LXX) hemm bosta kliem biex juri u jfisser is-sentimenti tal-ferħ u l-hena. Huma juru d-differenza bejn il-ferħ eskatoloġiku jew tal-kult, is-sentiment personali tal-ferħ, il-pjaċir ta' festa, is-sodisfazzjon ta' ikla tajba u l-ferħ tad-dinja.

Fil-kotba tat-Testment il-Qadim is-sentiment interjuri u l-wirjiet ta' ferħ minn barra huma marbutin ma' xulxin. Għal wieħed Iżraeljan il-ferħ jinsab preċiżament fil-fatt li inti qed tieħu sehem f'xi okkażjoni ta' festa mal-oħrajn. Hekk jgħid is-salm: "Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa li l-aħwa jgħammru flimkien" (Salm 133, 1). It-tokk tal-ferħ huwa l-qalb; għalhekk il-veru ferħ għandu jsieħeb miegħu l-bniedem sħiħ. Mela meta s-suċċess ikun jidher sew li jkun inkiseb bil-għajnuna ta' Alla, il-poplu jifraħ sew u bil-kbir. Hekk ħass Ġetru, qassis ta' Midjan (Eż. 3, 1): "U Ġetru feraħ għall-ġid kollu li għamel il-Mulej lil Iżrael, li ħelsu minn id l-Eġizzjani" (Eż. 18, 9). L-istess ġralha Anna, mart Elkana, meta wara numru ta' snin tweldilha Samwel: "Ferħet qalbi bil-Mulej, irtefgħet rasi fil-Mulej" (1 Sam. 2, 1).

## Ferħ lejn is-sagru

Għal bniedem Iżraeljan, wieħed li jħares it-Torà jifraħ ħafna u mill-qalb, u dan għaliex il-liġi tħalli fih dawk is-sodisfazzjon u kuntentizza vera. "Jien sibt kliemek u kiltu u kelmtek saritli l-ferħ u l-hena ta' qalbi" (Ġer. 15, 16). L-istess jiġri mill-poplu fidil u twajjeb li jgħix fil-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm, mela wkoll qrib ħafna tat-tempju. "Jien nifraħ b'Ġerusalemm u nitgħaxxaq bil-poplu tiegħi. Ma jinstemax aktar fiha leħen il-biki, lanqas leħen in-niket" (Is. 65, 19). Filwaqt li Sofonija jkompli jirribatti: "Il-Mulej Alla tiegħek qiegħed f'nofsok, gwerrier li jsalva; minħabba fik jithenna b'hena kbir, fi mħabbtu jġeddek, jinfexx minħabba fik f'għajjat ta' ferħ (Sof. 3, 17). U l-istess tagħlim iwassal il-Profeta Baruk: "Jien nittama li Alla ta' dejjem għad isalvakom; il-Qaddis imliena bil-ferħ, għax dalwaqt ikollkom fuqkom it-tjieba ta' Alla ta' dejjem" (Bar. 4, 22). Kliem li jhenni tassew u jixpruna kemm huwa virtù sabiħ u nobbli l-ferħ!

Il-bniedem mingħajr il-ferħ ma jistax jgħix kuntent u f'loku. Huwa għalhekk li kemm fil-Ġudaiżmu kif ukoll fil-kitbiet tar-rabbin niltaqgħu ma' kwantità kbira ta' kitbiet dwar il-ferħ. Ħafna drabi niltaqgħu mal-espressjoni 'ferħ etern'. U Alla qal: "Min iħobb it-tfal tiegħu jersaq



lejja ħalli jifraħ miegħi." Hekk mela jsir dover li wieħed jifraħ: "Huwa dover qaddis li waqt festa wieħed jifraħ ma' wliedu u mal-familjari." Issa jekk hija ħaġa naturali li wieħed jifraħ fis-sema, għandha tiġi wkoll murija l-għajn minn fejn joriġina l-ferħ ta' hawn, partikolarment waqt ikla. "Ma hemmx ferħ jekk wieħed ma jikolx u ma jixrobx tajjeb." F'dan l-ambjent wieħed xejn ma għandu għalfejn jaraha bi kbira li Ġesù ta' sikwit kien joqgħod għal xi ikla, u dan biex l-aħħar effett ikun il-ferħ, ferħ li Ġesù biss kien jaf jagħtih u jgħaddih lil kull min jersaq lejh.

## Il-ferħ fit-Testment il-Ġdid

Huwa dover qaddis li wieħed ifakkar fil-virtù tal-ferħ (Gal. 5, 22) billi jibda mit-tislima ta' Gabrijel

lil Mirjam ta' Nazaret: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek" (Lq. 1, 28). F'din it-tislima toħroġ fil-beraħ it-togħma kollha ta' ferħ diġà mnedija fit-Testment il-Qadim (ara Sof. 3, 15-17). Dan il-ferħ issa Marija ġarritu u ħaditu magħha sa Għajn Karim għand Eliżabetta. "Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ" (Lq. 1, 44).

Luqa huwa l-evanġelista li l-aktar iniedi u jqabbeż il-ferħ, u dan jagħmlu f'diversi okkażjonijiet oħra. Inkomplu fit-taqsima tal-infanzja u nassistu għax-xena tat-tħabbira tal-anġlu lir-ragħajja ta' Bet Sahur. U n-nota karatteristika ta' din il-ġrajja kienet il-ferħ. "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu" (Lq. 2, 20). Innotaw ir-ripetizzjoni tal-kelma 'ferħ' darbtejn; mela tassew li Luqa ried isammar fuq din in-nota partikolari, effett li beda jinħass mat-twelid tat-tarbija f'Betlehem.

Raġuni oħra li minħabba fiha l-appostli kellhom tassew għaliex jifirħu hija marbuta sfiq mal-ħajja futura. Kien Ġesù nnifsu li stieden lill-appostli sabiex jifirħu tassew. U jgħidilhom għaliex għandhom tassew biex jifirħu: "Madankollu mhux b'dan ifirħu, li l-ispirti joqogħdu għalikom, imma ifirħu għax għandkom isimkom miktub fis-smewwiet" (Lq. 10, 20). Hawn joħroġ aspett ieħor tassew għoli marbut mal-ferħ veru u dejjiem.

Xena oħra fejn jaqbeż il-ferħ qiegħda wara l-qawmien ta' Ġesù. Ġwanni jgħid li d-dixxipli kienu bil-bibien magħluqa meta Ġesù deher fosthom u wasslilhom il-paċi tiegħu.

L-evanġelista jkompli: "Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej" (Ġw. 20, 20). Hawnhekk ukoll l-ambjent ta' ferħ huwa wieħed imnissel mis-sema, ferħ għar-rebħa li għamel Ġesù grazzi għall-qawmien tiegħu.

## Stedina ta' ferħ

Nistgħu mela ngħidu li l-ferħ qiegħed jidher u jinħass sew diġà mill-bidu tal-Vanġelu ta' Luqa, u dan ikompli sejjer sal-aħħar ktieb, mela dak tal-Apokalissi. Dan l-effett tal-ferħ f'dan l-aħħar ktieb l-aktar li joħroġ għad-dawl u fid-dieher huwa waqt il-kult latrija li jkun qed jingħata lil Alla, mela waqt il-liturġija tas-sema. U din il-liturġija li ssir f'Ġerusalemm tas-sema toħroġ fid-diversi innijiet li jgħannu lill-Ħaruf. Hekk l-għanja tar-rebħa fuq id dragun; l għanja tispiċċa hekk: "Għalhekk ifirħu, smewwiet, u intom li tgħammru fihom" (Ap. 12, 12), filwaqt li f'innu liturġiku ieħor naqraw hekk: "Ifraħ, ja sema, minħabba fiha, u intom ukoll, qaddisin u appostli u profeti, għax Alla tħallas minnha għalikom" (Ap. 18, 20).

L-espressjonijiet li jġorru magħhom ferħ u hena huma bosta. U l-aktar li joħorġu bil-qawwa kollha qegħdin fl-innijiet. Dan għaliex f'dak il-mument partikolari u mqanqal ta' ferħ l-individwu jerfa' ħsibijietu, li aktarx ikunu ta' radd il-ħajr lil Alla. Eżempju tipiku ta' dan huwa kliem Marija fl-innu tal-*Magnificat*: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi" (Lq. 1, 46).

Nagħlaq din ir-riflessjoni dwar il-ferħ qaddis, ferħ li jinħass fl-intimu tal-bniedem, billi nuri kemm verament dak il-ferħ li jibqa' tassew huwa ferħ veru, ġenwin u qaddis. "Missierkom Abraham qabeż bil-ferħ għall-ħsieb li kien se jara l-jum tiegħi; rah u feraħ" (Ġw. 8, 56), kif ukoll: "Hekk intom, issa tħossukom imdejqa, imma għad nerġa' narakom u qalbkom tifraħ, u l-ferħ tagħkom ħadd ma jeħodhulkom" (Ġw. 16, 22).



# IL-KURAZZA TAL-ĠUSTIZZJA
# **KIF TILBES IL-ĠUSTIZZJA**
## EFESIN 6, 14: BIĊĊA OĦRA MILL-ARMATURA TA' ALLA: IL-KURAZZA TAL-ĠUSTIZZJA (DIKAIOSYNĒ)



KATAKEŻI
EMANUEL MICALLEF




### X'inhu l-iskop tal-kurazza?
Il-kurazza tintlibes mas-sider sal-qadd. Għas-suldat Ruman din kienet importanti, għax tipproteġih fl-organi importanti: il-qalb, il-pulmun, il-fwied, il-kliewi, l-ispallejn.

### Għaliex il-ġustizzja hi mxebbha mal-armatura tal-kurazza?
**Proverbji 11, 4**
Għal xejn ma jiswa l-ġid f'jum l-għadab, imma l-ġustizzja teħles mill-mewt.

Mingħajr ġustizzja nħallu lilna nfusna miftuħa beraħ għall-mewt. Bil-ġustizzja – bħal b'kurazza – l-attakki fatali tal-għedewwa huma mwaqqfa.

### X'inhi l-ġustizzja?
Tagħmel dak li jaqbel mar-rieda u mal-istandards ta' Alla, l-istat li tkun f'relazzjoni tajba ma' Alla.

**Mattew 5, 20**
Ngħidilkom li jekk il-ħajja tajba (*dikaiosynē*) tagħkom ma tkunx ħafna aħjar minn dik tal-kittieba u l-Fariżej, ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet.

**Efesin 4, 24**
Tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija tassew.

**Efesin 5, 9**
Frott id-dawl jinsab f'kulma hu tjieba, f'kulma hu ġustizzja, f'kulma hu verità.

**Mattew 1, 19**
Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust...

**Mattew 6, 33**
Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla...

Tkun ġust ifisser li tkun sew f'għajnejn Alla, tgħix skont l-istandards ta' Alla, skont il-Kelma tiegħu. L-oppost tal-ġustizzja hu l-inġustizzja, li tfisser tikser il-Liġi ta' Alla, ħajja ta' ribelljoni kontra l-Liġi ta' Alla, ħajja mmexxija mhux minn Alla imma mill-egoiżmu jew mill-governanza ta' xi ħadd ieħor.

X'jifridna minn Alla, hekk li jġiegħel lil Alla jwarrab il-protezzjoni tiegħu minn fuqna?

**Isaija 59, 1-2**
Araw, id il-Mulej ma qsaritx li ma ssalvax, lanqas widnejh ma tqalu biex jisimgħu. Imma ħżunijietkom firdukom minn Alla tagħkom, u dnubietkom ħbewlu wiċċu minnkom.

Il-ħżunijiet u d-dnubiet huma għemejjel u ħsibijiet li jmorru kontra l-Liġi ta' Alla. Peress li huma f'kunflitt mal-istil ta' ħajja ta' Alla u huma dannużi għalina u għall-oħrajn, Alla tagħna, li hu perfett u ġust, ma jistax jassoċja ruħu magħna meta nieħdu dit triq ta' dnub u ħażen. Aħna nifirdu lilna nfusna minn Alla u l-protezzjoni tiegħu!

Alla nnifsu libes il-kurazza tal-ġustizzja biex jitqabad il-ħażen (v. 17).

## Ta' min hi l-ġustizzja li għandna nilbsu?

**Isaija 64, 5**
Tniġġisna lkoll kemm aħna, bħal ċarruta maħmuġa l-aħjar għemejjel tagħna (*dikaiosynē*); bħal werqa lkoll dbilna u ħżunijietna bħal riħ ġarrewna.

Il-ġustizzja tagħna (l-aħjar għemejjel tagħna) qisha ċarruta maħmuġa. Mela x'tip ta' ġustizzja jaċċetta Alla? Jew ta' min jaċċetta ġustizzja? Ċarruta maħmuġa mhix se tipproteġina fil-ġlieda spiritwali! Mhix kurazza tajba!

**Ġeremija 23, 6**
Fi żmienu Ġuda jkun salv, u Iżrael jgħammar fiż-żgur. U dan hu l-isem li jsejħulu: il-Mulej is-Sewwa tagħna (Adonoj Tzidkeinu).

Skrittura oħra: Ġob 36, 3; Salm 5, 8; 23, 3; 24, 5; 71, 16, li juru li l-vera ġustizzja tiġi minn Alla nnifsu. Hi l-ġustizzja ta' Alla u mhux tagħna li sservi ta' kurazza biex tiddefendina minn Satana.

**Rumani 3, 20-22**
Għalhekk quddiem Alla ħadd ma hu ġġustifikat bl-opri tal-Liġi, għax il-Liġi sservi biex tgħarrafna d-dnub. Issa l-ġustizzja ta' Alla dehret mingħajr il-Liġi għad li l-Liġi u l-Profeti jixhdu għaliha. U din hi l-ġustizzja ta' Alla li Alla jagħti permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu lil dawk li jemmnu, bla ma jagħżel bejniethom.

**Rumani 3, 24-25**
Għalhekk issa huma (il-bnedmin) ikunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu, li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù. Lilu Alla kkostitwieh vittma ta' espjazzjoni b'demmu permezz tal-fidi, biex b'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu.

**1 Ġwanni 3, 10**
B'dan jidhru min huma wlied Alla u min huma wlied ix-xitan, għax min ma jagħmilx il-ġustizzja mhuwiex minn Alla; anqas min ma jħobbx lil ħuh.

## Għal Pawlu, il-kurazza għandha karatteristiċi oħra. Liema huma?

**1 Tessalonikin 5, 8**
Ladarba aħna wlied il-jum, ejjew ngħixu bil-qies, nilbsu l-kurazza tal-fidi u l-imħabba u l-elmu tat-tama tas-salvazzjoni.

Minn hawn naraw ir-rabta profonda fil-ħajja spiritwali tal-fidi mal-imħabba u mal-ġustizzja ta' Alla.

## Kif nilbes il-kurazza tal-ġustizzja?

**Efesin 6, 13**
Għalhekk ħudu fuqkom l-armatura (sħiħa) ta' Alla, ħalli tkunu tistgħu tieqfu fi żmien il-ħażen, u wara li tkunu għamiltu ħilitkom kollha, iżżommu weqfin – panoplian = armatura sħiħa li jilbes u jitqabad biha (użata f'Luqa 11, 22 u f'Efesin 6).

Jidher ċar li filwaqt li fl-Antik Testment il-ġustizzja ta' Alla kienet l-osservanza sħiħa tal-Liġi, din ma kinitx biżżejjed għax kull bniedem jidneb, jiġifieri l-ebda bniedem mhu kapaċi josserva l-Liġi ta' Alla kollha u l-ħin kollu.

Jidher ċar mit-Testment il-Ġdid li hi l-fidi f'Ġesù l-Messija li tista' tiġġustifikana, tħassar il-ħżunijiet u d-dnubiet tagħna. Imma jidher ċar ukoll li filwaqt li l-ġustizzja hi don b'xejn, aħna rridu ngħixu din il-ġustizzja bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Mhix ġustizzja li jien nista' niftaħar biha. Hi grazzja li jien nista' nikkopera magħha bl-opri tal-ħniena.



# SANTU WISTIN IL-QADDIS LI JKELLIMNA LLUM



## L-Ewwel Parti

QADDISIN MUDELLI GĦAL ĦAJJITNA

FR MARTIN MAMO OFMCAP

'Il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok, gwerrier li jsalva; minħabba fik jithenna b'hena kbir, fi mħabbtu jġeddek, jinfexx minħabba fik f'għajjat ta' ferħ, bħallikieku f'jum ta' festa.'

Sofonija 3, 17

Dan huwa wieħed mill-isbaħ vrus bibliċi, imtenni mill-Profeta Sofonija, il-profeta li xandar tiġdid spiritwali lill-bniedem niedem, għaliex kif itenni Salm 103:

"Hu li jaħfer ħtijietek kollha,
ifejjaq il-mard tiegħek kollu,
jifdi lil ħajtek mill-qabar,
iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena."

San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani, kapitlu 16, jitkellem mir-rivelazzjoni tal-misteru ta' dan il-Mulej, gwerrier li jsalva, li kien mistur fis-skiet tal-eternità, imħabbar mill-profeti imma issa rivelat lilna b'Ġesù. Għalhekk jismu Ġesù, Jesous bil-Grieg, Joshua bil-Lhudi, li jfisser 'Jahweh li jsalva', 'Jahweh li jfejjaq', 'gwerrier li jsalva'. Dan Ġesù, li skont il-filosfu Hegel huwa l-pern, iċ-ċentru, il-protagonist ewlieni tal-istorja tad-dinja. Dan Ġesù li għandu missjoni kerigmatika: li jfejjaq, jgħallem, jaħfer, li jiskonġra u li jagħti l-ispirtu. Dan Ġesù li ma kienx jaf x'inhu dnub imma Alla għamlu dnub għalina, jgħidilna San Pawl fit-Tieni Ittra lill-Korintin, kapitlu 5. Dan Ġesù li kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox billi jkun qassis il-kbir, hanin u fidil f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, għax billi hu bata u kien imġarrab, jaf jgħin lil dawk li kienu fit-tiġrib. Skont l-awtur tal-Ittra lil-Lhud, kapitlu 2, dan Ġesù li bih seħħet il-profezija ta' Isaija, 53:

"... rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna."

U fuq dan il-fejqan se nkellimkom illejla jiena. Fejqan li seħħ fil-qalb ta' Santu Wistin. Għax Santu Wistin esperjenza f'qalbu dak it-tiġdid spiritwali li seħħ fl-iben il-ħali meta l-missier lemħu, tħassru, inxteħet fuq għonqu, biesu u libbsu l-libsa tad-dinjità, iċ-ċurkett tal-fedeltà, is-sandli tal-ħelsien, u għamillu festa. Santu Wistin ħalla lil Alla jimxi fid-dnub tiegħu u Alla ġeddu fi mħabbtu, bħal David meta talab Salm 50:

"Oħloq fija qalbi safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija, u tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek."

Santu Wistin xtaq jara min hu Kristu, *'zeteo'* fil-Grieg bibliku, u Ġesù, billi jfittex u jsalva lill-mitluf, sab lil Wistin bħalma Wistin sab lil Kristu, u ġeddu fi mħabbtu. Santu Wistin straħ fuq il-grazzja ta' Alla bħal pubblikan wieqaf fil-bogħod rasu baxxuta, idejh fuq sidru jmur jokrob il-karba: "O Alla, ħenn għalija, midneb!" Kemm hi sabiħa din it-talba tal-pubblikan, tant li llejla ħa nagħmilha bħala l-pedament, il-bażi ta' dan il-paniġierku solenni fl-isfond ta' Santu Wistin. Din it-talba tal-pubblikan mhijiex l-istess talba tal-għani lil



Lazzru l-fqir li nsibu f'Luqa 16. Lanqas hija l-karba tal-għaxar imġiddmin lil Kristu għal fejqan fiżiku, '*eleison me*' fil-Grieg bibliku, Luqa, 17. Lanqas hija l-karba tal-agħma ta' Ġeriko lil Kristu għal fejqan fiżiku, '*eleison me*', Luqa, 18. Imma din hija t-talba għal tiġdid intern, għal tiġdid spiritwali, li fil-Grieg bibliku l-kelma hija '*hilaskomai*' u bil-Lhudi '*ha heset*'. Huwa dan it-tiġdid intern li seħħ fil-qalb ta' Santu Wistin. Santu Wistin esperjenza f'qalbu dak it-twelid ġdid mill-ilma u mill-ispirtu li Ġesù kien awgura lil Nikodemu fi Ġwanni 3. Santu Wistin esperjenza f'qalbu dak il-proverbju Lhudi li Ġesù kien awgura lil Nikodemu, meta qallu: "Ir-riħ fejn irid jonfoħ; tisma' ħossu, la taf minn fejn hu ġej u lanqas fejn hu sejjer." Santu Wistin neża' l-bniedem il-qadim u libes il-bniedem il-ġdid fi Kristu, kif jgħid San Pawl lir-Rumani, kapitlu 6, vers 6:

"Il-bniedem il-qadim tagħna ssallab miegħu, biex jinqered dan il-ġisem tad-dnub."

Santu Wistin sema' leħen il-Mulej u ma webbisx qalbu. U hemm diversi drabi meta Wistin sema' leħen il-Mulej, imma l-aktar meta qara l-Ittra lir-Rumani, kapitlu 13, fejn hemm mitkub dan il-kliem:

"Ejjew ngħixu kif jixraq, bħal binhar; mhux bl-ikel iż-żejjed u s-sokor, mhux biż-żina u t-tbaħrid, mhux bil-ġlied u l-għira, imma ilbsu lil Sidna Ġesù Kristu."

U hawn ħa nieqaf ftit. Għax dan huwa l-ewwel messaġġ li llum irid jagħtina Santu Wistin: 'Ilbsu lil Kristu', u San Pawl lill-Kolossin, kapitlu 3, jispjega xi tfisser 'Ilbsu lil Kristu'. 'Ilbsu s-sentimenti ta' Alla' tfisser: ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Ara Wistin, meta nduna li qed jilbes lil Kristu nduna x'tilef fil-passat. Illum lil Kristu jgħidlu: "Tard wisq ħabbejtek, ja ġmiel hekk antik u hekk ġdid; tard wisq ħabbejtek! Int kont miegħi imma jiena le. Il-maħluqin tiegħek kienu jżommuni 'l bogħod minnek. Doqtok u issa ninsab bil-ġuħ u l-għatx għalik; messistni u issa ninsab ħerqan bid-dehra tal-paċi tiegħek. Int tassew timlieli ħajti, o Alla tiegħi." Banda jmur jgħid: "Ma rridx li jiena nkun ħajti, għax għext ħażin meta għext bija nnifsi. Fik ħajti tiġġedded."

Ħuti, aħna għadna ħerġin mill-Ġublew tal-Ħniena u rajna li d-dnub huwa limitat bil-ħniena ta' Alla. Rajna lill-Bibbja tinterpreta dan il-kunċett astratt u emottiv ta' ħniena, bil-Lhudi '*rahamim*' u bil-Grieg '*splanchnizomai*' jew '*oiktromoi*', f'etimoloġija tal-kunċett konkret u antropoloġiku ta' ħniena, fil-kelma Lhudija '*rehem*', u l-kelma '*rehem*' fil-Lhudi tfisser 'ġuf', li turi l-kwalità ta' Alla omm, u hawn toħroġ it-tifsira ta' min hu Santu Wistin. Santu Wistin daħal f'relazzjoni ma' Alla bħal tarbija f'ġuf ommha, u Alla ġeddu fi mħabbtu; Alla bierek lil Wistin u Wistin bierek lil Alla.



Ikun diskors fieragħ tiegħi llejla jekk nibbażah fuq kemm kien għaref Santu Wistin, kemm kien duttur kbir tal-Knisja Santu Wistin, jew kemm kien għalliem kbir tar-retorika Santu Wistin, jew kemm kien punt ta' riferiment qawwi fil-Knisja fi żmienu Santu Wistin. Imma jkun diskors nobbli jekk nibbażah fuq l-umiltà tiegħu. Trid tkun umli biex tistqarr ħtijietek, aħseb u ara kemm trid tkun umli biex tippubblika ħtijietek bħal Santu Wistin. Sewwa jgħid l-Arċisqof Ortodoss Philaret minn Chericov, li l-ogħla kwalità fih hija l-umiltà sinċiera u profonda tiegħu. Il-kitbiet tiegħu jmissulek il-qalba ta' ruħek. Bl-umiltà u l-profondità baqa' jikber u jikkonverti bħal mara midinba li għax ħabbet ħafna nħafrulha ħafna. Bħal San Franġisk innifsu, li qal: 'Jiena midneb kbir li m'jien tajjeb għal xejn ħlief biex nagħmel id-dnubiet.' Imma kif jgħid San Pawl lir-Rumani, kapitlu 5, vers 20:

"Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja."

Allura llejla jien f'Santu Wistin irrid nilmaħ lili nnifsi meta midneb, meta mkaxkar minn ħtijieti imma maħfur mill ħniena ta' Alla.



# L-INGWANTA TAL-QADDIS PADRE PIO

## ŻŻUR DIVERSI PARROĊĊI F'MALTA U GĦAWDEX

PADRE PIO TAL-PJAGI
GRUPPI TA'TALB TA' PATRI PIJU

Din is-sena qed jiġi mfakkar il-100 anniversarju minn meta l-qaddis Franġiskan Kapuċċin Padre Pio rċieva l-pjagi f'riġlejh u jdejh. Fost id-diversi attivitajiet li qed isiru, bil-għan li jiġi mfakkar dan l-avveniment mirakoluż, il-gruppi ta' talb ta' Padre Pio flimkien mad-Direttur Nazzjonali tagħhom Ħuna Fr Karm Dimech OFMCap qed jorganizzaw diversi attivitajiet. Fost dawn hemm iż-żjara tal-ingwanta mċappsa bid-demm li Padre Pio kien jilbes sabiex jgħatti waħda mill-pjagi ta' jdejh.

### Żjara fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex

Nhar il-Ħamis, 5 ta' April 2018 kien imiss id-djoċesi ta' Għawdex. Minbarra l-ħafna Maltin, membri tal-gruppi ta' talb ta' Padre Pio li telgħu minn Malta, kienu ferm numerużi l-Għawdxin li attendew għall-quddiesa konċelebrata li saret fis-santwarju nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu. Din il-quddiesa tmexxiet mill-E. T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, megħjun minn Fr Karm Dimech OFMCap bħala kappillan nazzjonali tal-gruppi ta' Padre Pio flimkien ma' diversi saċerdoti oħra devoti tal-qaddis tal-pjagi.

### San Piju tal-Pjagi kien qamħ mitħun

Fl-omelija tiegħu b'riflessjoni fuq is-silta tal-Evanġelju skont San Luqa (24, 13-35), ir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws, Mons. Mario Grech qal:

*"Kien fil-qsim tal-ħobż li d-dixxipli ta' Għemmaws għarfu lil Ġesù! Qisu t-tifsir biss tal-Kelma ma kienx biżżejjed biex itajru l-għamad li kien qed iżomm lil qalbhom milli tintebaħ li dak li mexa u waqaf magħhom kien Ġesù. Hekk ukoll illum: jekk irridu ngħinu lill-bniedem isir jaf lil Ġesù, mhumiex biżżejjed il-predikazzjoni u l-konferenzi, imma l-komunità Nisranija trid taqsam il-ħobż ma' dawk li huma bil-ġuħ. Quddiem il-ġesti ta' karità li nagħmlu, il-qxur jaqa' minn quddiem għajnejn il-bniedem biex dan jiskopri l-ġmiel ta' Kristu.*

*"Dak li Ġesù għamel maż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws wettqu fuq is-salib, fejn ġismu tkisser b'sagrifiċċju għalina, u għamlu wkoll sagramentalment fl-Aħħar Ċena, meta tana ġismu bħala ikel u demmu bħala xorb.*

*"Għax kien devot kbir tal-Ewkaristija, San Piju tal-Pjagi kien ħobż miksur għall-oħrajn! Huwa kien jemmen li permezz tal-Ewkaristija sseħħ il-fużjoni tar-ruħ ma' Kristu Ewkaristiku. Meta jitqarben Patri Piju kien jitlob din il-grazzja: li hu jkun Kristu ieħor, kollu kemm hu ta' Kristu u dejjem ta' Kristu.*

*"Biex jipprovoka lil Patri Piju, darba Patri*

*Pellegrin Funicelli stqarr miegħu li ma tantx kien jemmen fl-Ewkaristija. Patri Piju tant iddispjaċieh xħin sema' dan il-kliem li qabiżlu d-dmugħ u kellu jitolbu maktur biex ineħħi d-dmugħ! Imbagħad Patri Piju qallu: 'Jekk trid tara lil Ġesù wiċċ imb wiċċ, trid issir bħalu: ħobż ifuħ għas-snien ta' kulħadd, inbid frisk għall-gerżuma kemm tal-ħbieb u kemm tal-għedewwa.'*

*"Imbagħad Patri Piju ċanfar lil Patri Pellegrin għax dan kien daħak bih meta semgħu jsejjaħ lilu nnifsu, 'Jien Ġesù!' Qallu hekk: 'Ilkoll kemm aħna hemm bżonn ngħidu li rridu nkunu bħal Ġesù. Ilkoll irridu ntennu: 'Dan huwa ġismi, kuluh; dan huwa demmi, ixorbuh.' Jeħtiġilna noffru laħamna u demmna bħal ħobż u nbid fuq l-artal u fuq l-imwejjed tal-proxxmu tagħna.'*



*"F'din l-istorja meħuda mill-ħajja ta' San Piju tal-Pjagi qisu għandna r-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws. Patri Piju, li mhux biss kien jiċċelebra l-Ewkaristija imma kien jgħixha, għamel minn ħajtu għotja ġeneruża lill-oħrajn. Għax kien jgħix l-Ewkaristija bħal Kristu, huwa kien qamħ mitħun li jingħata lill-oħrajn. Għalhekk min iltaqa' miegħu ra lil Kristu.*

*"Filwaqt li nħeġġiġkom biex tkomplu tapprezzaw l-ispiritwalità ta' dan San Piju tal-Pjagi, bl-interċessjoni tiegħu nitolbu lill-Mulej jagħtina din il-grazzja,"* temm l-omelija tiegħu Mons Mario Grech.

## "Għalija kienet esperjenza qawwija"

Hawnhekk ser inġibu silta mill-ittra li l-E. T. Mons. Mario Grech bagħat lil Fr Karm Dimech wara l-esperjenza li huwa għamel flimkien mal-gruppi ta' talb ta' Padre Pio miġburin fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu ġewwa Għawdex:

*Għażiż P. Karm,*

*Grazzi lilek tal-ħidma li qed twettaq f'dawn il-gruppi kif ukoll tal-okkażjoni li tajtni biex nitlob magħkom. Xħin bist ir-relikwa tal-ingwanta ta' Patri Piju, għalija kienet esperjenza qawwija, għax stħajjilt lil dik il-massa ta' nies, kollha bit-toqol tagħhom u tal-familji tagħhom, resqin jitolbu bil-ħeġġa xi grazzja lil Alla bl-interċessjoni ta' Patri Piju. Ilmaħt persuni morda, oħrajn b'ritratti ta' xi ħadd għażiż għalihom li hu marid, oħrajn b'ritratti tal-familja, oħrajn messew iċ-ċurkett taż-żwieġ, oħrajn messew flixkun bl-ilma, il-kotra ħarġu l-kuruna jew maktur biex imissuhom mar-relikwa. Għalija dawn kienu kollha persuni mtaqqla bis-salib tal-ħajja u resqu jfittxu l-faraġ. Nistqarr li qatt daqs illum ma ħassejtni bħal Kristu qed "nerfa'" t-tbatija ta' dawn in-nies! Kien mument kommoventi ħafna. Messejt b'idejja l-fidi sempliċi u profonda ta' dawn in-nies. Għaraft kemm il-Knisja verament tinsab tagħmel kumpanija lil dawn il-persuni li huma taħt it-toqol tas-salib.*

Berikni
† Mario Grech



# IT-TIĠDID F'ĦAJJITNA JRID ISIR BIL-FERĦ



KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

It-tiġdid tal-Knisja ma jistax jibda jseħħ jekk il-membri tagħha ma jiġġeddux bis-serjetà. Ftit ilu l-Kardinal Parolin, Segretarju tal-Istat u forsi l-aktar wieħed qrib il-Papa Franġisku, meta tkellem fuq ir-riforma tal-Kurja Rumana hekk esprima ruħu. Ftit li xejn jiswa jekk jiġġeddu l-istrutturi mingħajr ma jiġġeddu l-persuni. U dan irid jitwettaq bil-ferħ! "Jeħtieġ nibda jien; u jekk nibda jien," issostni S. Tereża ta' Kalkutta, "tkun ġa bdiet ir-riforma tal-Knisja."

Dan il-programm dejjem aktar jidher ċar fid-diskorsi tal-Papa Franġisku, fl-omeliji ta' kuljum, fil-laqgħat u kull meta jkellem mhux biss lill-kardinali, l-isqfijiet, is-saċerdoti u l-persuni kkonsagrati, imma wkoll lill-Insara kollha, huma min huma.

## Ħajja msawra bil-veru ferħ

Dan urieh ċar il-Papa Franġisku sa mill-ewwel eżortazzjoni appostolika *Il-Ferħ tal-Evanġelju*, li fiha mhux biss fassal il-programm tal-pontifikat tiegħu, imma fassal għalina lkoll programm għal ħajjitna. Huwa wriena dan fil-prattika tul il-ħames snin u aktar li issa ilu jmexxi l-Knisja. Hekk uriena wkoll fl-eżortazzjoni *Il-Ferħ tal-Imħabba*, dwar il-familja li trid tgħix is-sejħa u l-missjoni tagħha bħala familja Nisranija f'soċjetà li qisha trid tinsa x'inhi l-vera familja fil-ħsieb u l-pjan t'Alla. L-istess wera fil-kostituzzjoni appostolika *Il-Ferħ tal-Verità* – dejjem **il-ferħ** – dwar il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet għolja ta' taghlim li jiddependu mill-Knisja jridu jagħtu fil-formazzjoni soda tad-dixxipli u l-appostli tal-lum, sabiex, fuq kollox bl-eżempju ta' ħajjithom, jgħinu huma wkoll il-poplu Nisrani.

U issa proprju fl-aħħar dokument *Ifirħu u Thennew*, li ġie mxandar fid-9 t'April, dwar il-ħajja tan-Nisrani, dixxiplu u appostlu, li jeħtieġlu jgħix bil-ferħ ħajja qaddisa fil-ħajja ordinarja ta' kuljum. Dan ikun il-veru tiġdid tan-Nisrani, li jgħin ħafna u ħafna t-tiġdid tassew tal-Knisja.

Nixtieq biss illum naqsam magħkom fil-qosor ftit ħsibijiet li mill-ewwel laqtuni malli ħarġet din l-eżortazzjoni.



"It talb fil ġabra u fis skiet quddiem Ġesù Ewkaristija huwa d-dawl u l-qawwa fit-tmexxija tal-Knisja."

Jgħinna ħafna naraw biss dak li jsemmi l-Papa fil-ħames kapitli li jsawru dan id-dokument. Il-Papa jitkellem bi kliem sempliċi hafna dwar is-sejħa għall-qdusija fil-ħajja ta' kuljum. Imbagħad isemmi żewġ għedewwa sottili li nħabbtu wiċċna magħhom fis-soċjetà li qed ngħixu fiha. Minkejja

kull progress irridu nevitaw it-tentazzjoni li l-bniedem, bil-ħiliet tiegħu, tal-moħħ u tar-rieda biss, jista' jilħaq l-għan tal-qdusija. Dawn jistgħu jgħinuna ħafna, imma ma ninsewx li l-bniedem dejjem jeħtieġ il-grazzja t'Alla. Fit-tielet kapitlu *Fid-Dawl tal-Imgħallem* il-Papa jurina kif Ġesù, fil-'prietka tal-muntanja' (Mt. 5, 1-12), kien ġa tana l-mediċina, id-dawl u l-qawwa biex nistgħu nirbħu tfixkil bħal dan. Imbagħad fir-raba' kapitlu l-Papa jħeġġiġna biex nagħtu din ix-xhieda bil-ferħ li jiġi, fuq kollox, minn ħajja "f'talb bla ma jaqta'", fi ħbiberija mal-Mulej. Fl-aħħar kapitlu jitkellem fuq l-impenn biex insaħħu l-ħajja tat-talb bil-ferħ.

## "Ma nħallux il-ħwejjeġ tad-dinja jifgawna"

Illum nixtieq biss nieqaf ftit fuq l-aħħar parti tar-raba' kapitlu (par. 147-157) li tiġbor fiha, jidhirli, il-qofol kollu tal-messaġġ u l-messaġġi li bla ma jaqta' qed jipprova jwassal il-Papa Franġisku. B'ħajtu u bi mġibtu jurina li jekk irridu nkunu dixxipli u appostli ta' Ġesù llum jeħtiġilna nkunu qrib ħafna tiegħu, nisimgħu x'għandu xi jgħidilna, u kif tenna bosta drabi "nħalluh iħares lejna" (ara par. 151 ta' dan id-dokument u wkoll *Il-Ferħ tal-Evanġelju*, 3, u l-omelija f'Santa Marta fl-24 t'April 2013).

L-ewwel sentenza f'din il-parti tal-eżortazzjoni hija ġa kważi biżżejjed għalina lkoll: "Fl-aħħar nett, għalkemm tidher ħaġa ċara, niftakru li l-qdusija hija meta wieħed ikun miftuħ b'mod abitwali dejjem għal dak li huwa 'l hinn mill-ħajja ta' issa; u dan jesprimi ruħu fit-talb u fl-adorazzjoni. Il-qaddis huwa dik il-persuna li għandha spirtu ta' talb, li għandha bżonn tikkomunika ma' Alla. Huwa dik il-persuna li ma tiqafx fgata u magħluqa fil-ħwejjeġ ta' din id-dinja, imma toħroġ minnha nfisha, twessa' l-orizzont tagħha fil-kontemplazzjoni tal-Mulej. Ma nemminx fil-qdusija mingħajr it-talb, ukoll jekk dan ma jfissirx bilfors f'mumenti twal jew xi sentimenti qawwija" (par. 147).

Forsi l-kelma 'kontemplazzjoni' taqtagħlek qalbek! Din mhix xi "don mogħti lil ftit privileġġjati," ikompli l-Papa fl-istess nifs (par. 149). Din għandha tkun il-kwalità ta' kull Nisrani-dixxiplu tal-Mulej. Hija triq ħafifa li meta tibdieha bil-mod il-Mulej ikompli jwettaq Hu s-sehem tiegħu u ssir fik "stil abitwali fil-ħajja". Ikompli l-Papa Franġisku li jeħtieġ ikollna relazzjoni ta' ħbiberija m'Alla, li nafu li jħobbna ħafna, minkejja dnubietna u d-dgħufijiet tagħna. Hekk fil-"preżenza tiegħu" nippruvaw nagħrfu dejjem xi jkun irid minna, x'inhi t-triq tal-qdusija li huwa jrid minna lkoll (par. 150). Hekk nitgħallmu minnu; inkella dak li ngħidu u nagħmlu "jkun biss ħsejjes li ma jservu għal xejn" (par. 150).

## Valur miżjud lil ħajjitna

Hawn mill-ewwel ġieni quddiemi l-eżempju tal-Kurat t'Ars, li fil-knisja tiegħu kien jara raħħal xwejjaħ, kuljum waħdu quddiem Ġesù sagramentat, għal ħinijiet twal. Darba saqsieh: "Inti xi tkun titlob dak il-ħin kollu?" Huwa wieġeb: "Jiena nkun inħares lejh u Huwa jħares lejja." Dan l-episodju sempliċi imma veru u profond ikkwotah ukoll il-Papa Benedittu fl-ittra tiegħu lis-saċerdoti fl-okkażjoni tas-sena ċentinarja tal-qaddis t'Ars. U l-istess episodju huwa msemmi fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (par. 2715). Huwa eżempju li kulħadd jista' jimxi fuqu!

Meta n-Nisrani, fil-ħajja tiegħu ta' kuljum, bi ftit prattika kuljum, jagħmel dan, ma jkunx qiegħed jitbiegħed minn ħidmitu! Imma jkun qed jagħti valur akbar lil kull ħidma u kollox isir skont ir-rieda t'Alla. Kemm issir isbaħ il-ħajja tal-familja: kull ħidma fid-dar mill-omm u mill-missier u mill-istess ulied! Kemm tikber l-għaqda bejniethom fil-familja! Kemm tinbidel il-ħajja tal-politiku li jagħti sehmu kollu għat-titjib tal-ħajja taċ-ċittadini, tal-edukatur għall-istudenti li jkunu fdati f'idejh! Hekk kull kwalità ta' ħidma tieħu valur miżjud.

Kemm hija sabiħa l-esperjenza ta' waħda mara miżżewġa li ilha ġa ftit snin tieħu sehem fi grupp ta' talb: "Ma kienx l-għarfien t'Alla li biddilli ħajti, imma l-esperjenza t'Alla. Ma kienx il-ferħ li nieħu sehem regolari fil-grupp li wassalni għal ħajja ġdida, imma l-laqgħa tiegħi m'Alla fit-talb, li wettaq dan fija."

Napprofittaw ruħna kemm nistgħu minn din l-istedina tal-Papa u dejjem, bil-mod il-mod, naraw differenzi kbar f'ħajjitna u f'ħidmitna, filwaqt li biex nissaħħu fil-veru ferħ f'ħajjitna, barra t-talb, nużaw il-mezzi l-oħra, fosthom l-Ewkaristija, is-sagramenti u l-Kelma t'Alla. Hekk ingawdu l-ferħ tassew ta' Kristu, li jiġi mill-fidi tagħna fih u mill-imħabba tiegħu, li nistgħu u għandna naqsmu mal-oħrajn kollha.



# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN



## AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA

BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP

### 50 Sena Saċerdot

Nhar il-Ħadd, 22 ta' April 2018 Patri Bernard Mangion iċċelebra quddiesa fil-knisja tagħna ta' Santa Barbara fil-Kalkara li fiha fakkar l-anniversarju ta' 50 sena mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu. Kien mument sabiħ li fih dawk preżenti ngħaqdu flimkien ma' dan Ħuna biex iroddu ħajr lil Alla għall-ħidma li huwa wettaq f'dan il qaddej tiegħu. Nitolbu għalih sabiex il-Mulej ikompli jżejjen lil dan Ħuna b'aktar snin ta' ħidma. *Ad multos annos!*



### Laqgħat għall-Provinċjali l-ġodda

Għal darba oħra fil-kunvent tagħna ta' Frascati, Ruma, ġie organizzat kors għall-provinċjali u l-kustodji l-ġodda tal-Ordni tagħna. Il-Ministru Provinċjali tagħna Ħuna Effie Mallia wkoll ħa



sehem f'dan il-kors, li sar bejn it-8 u l-15 ta' April 2018. Għal dawn il-laqgħat kien hemm ukoll preżenti l-Ministru Ġenerali u l-Kunsill Ġenerali tiegħu.

### Mons. Arċisqof fl-Isptar Mater Dei

Fuq stedina ta' Ħutna ċ-chaplains tal-Isptar Mater Dei, l-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna mexxa quddiesa konċelebrata fil-kappella tal-istess sptar fl-okkażjoni tal-festa tal-Ħniena Divina, il-Ħadd, 8 ta' April 2018. Fl-omelija tiegħu l-Arċisqof enfasizza kif li tikkura u tieħu ħsieb il-morda hija waħda mill-aqwa opri tal-ħniena. Bħala tifkira ta' din l-okkażjoni l-Arċisqof ingħata biċċa xogħol tal-arti maħduma mis-Sur Antonio Mifsud, li huwa staff nurse, li tirrappreżenta lil Kristu rxoxt bħala t-tieni persuna tat-Trinità Qaddisa. Barra Ħutna ċ-chaplains kien hemm preżenti wkoll Mons. Paul C. Vella, Prepostu Arċipriet tal-parroċċa ta' Sant'Elena f'Birkirkara, peress li l-Isptar Mater Dei jaqa' taħt l-imsemmija parroċċa. Kienu preżenti wkoll bosta pazjenti, qraba tagħhom u staff, li wħud minnhom animaw il-quddiesa.



### Fr Martin Micallef f'laqgħat internazzjonali fuq studji bibliċi

Fr Martin Micallef kien wieħed mill-mistednin ta' Faraday Institute, Cambridge, ir-Renju Unit,

li f'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta organizza f'pajjiżna seminar bit-tema *Science and Religion*. Is-seminar sar bejn il-5 u t-8 ta' April 2018. Ħuna Martin mexxa waħda mis-sessjonijiet flimkien mal-Prof. Anthony Frendo. Din is-sessjoni kienet tittratta l-aspett tal-fidi u r-raġuni, b'enfasi speċjali fuq il-Bibbja u l-arkeoloġija. Għal dan is-seminar attendew numru ta' studjużi barranin u lokali, ġejjin minn dixxiplini differenti ta' studju. Martin kien ukoll f'Ruma mit-12 sal-15 ta' Marzu 2018, fejn ħa sehem f'seminar internazzjonali li għalih attendew numru ta' studjużi fuq l-evanġelju skont San Ġwann. Matul dan is-seminar huwa ppreżenta studju tiegħu fuq il-lingwaġġ simboliku użat f'dan l-evanġelju.


L-Università ta' Malta

CERTIFICATE OF PARTICIPATION

This is to certify that

Martin MICALLEF

has participated in the first Faraday Course Malta entitled
Science and Religion – two views or two realities?
The course was held between the 5th & the 8th April 2018 at Mount St Joseph, Mosta

Organizing Committee

Charles Bonello    Pauline Dimech    Martin Musumeci

## Laqgħa tas-Segretarji tal-Missjoni f'Ruma

Bejn is-27 t'April u l-4 ta' Mejju 2018 is-segretarji responsabbli mill-animazzjoni missjunarja fil-provinċji Ewropej rispettivi tagħhom żammew il-laqgħa annwali tagħhom. Għal din is-sena fuq livell liberu ġew organizzati tlett ijiem irtir bejn is-27 u d-29 t'April. Fit-30 t'April saret il-laqgħa formali, fejn ġew diskussi diversi punti f'aġenda preparata minn qabel. Din is-sena l-laqgħa tas-segretarji tal-missjoni, bit-tema *Mission a New Challenge*, saret fil-Kurja Ġenerali tal-Ordni, f'Ruma.

Għal din il-laqgħa minn Malta pparteċipa Ħuna Fr Philip Cutajar OFMCap bħala l persuna responsabbli mill-pastorali tal-ħidma ta' animazzjoni missjunarja f'pajjiżna. Il-ħidma li Ħuna Fr Philip qed iwettaq hija mifruxa fuq żewġ aspetti: l-aspett tal-preżenza tal-Kapuċċini Maltin bħala missjunarji fil-Kenja u anke fl-aspett tal-ħidma pastorali li aħna l-Kapuċċini Maltin qegħdin inwettqu f'Malta mal-immigranti, kemm Eritreani u issa wkoll mal-Musulmani. Matul il-laqgħa Ħuna Fr Philip ippreżenta permezz ta' Powerpoint rapport dwar dak kollu li sar u qed isir permezz tal-Uffiċċju Missjoni, kemm fil-missjoni tal-Kenja kif ukoll mal-immigranti f'Malta.



Peress li għal din is-sena din il-laqgħa saret fil-Kurja Ġenerali tagħna l-Kapuċċini f'Ruma, għal diversi mumenti kien preżenti l-Ministru Ġeneral Ħuna Fr Mauro Johri, li faħħar din l-inizjattiva fejn is-segretarji tal-missjoni Ewropej jiltaqgħu kull sena, inizjattiva li sservi mhux biss biex jaqsmu bejniethom l-esperjenzi tagħhom imma wkoll isservi bħala mument ta' formazzjoni permanenti. Fil-fatt fuq suġġeriment tal-istess ministru ġenerali dawn il-laqgħat ser jibqgħu jsiru ta' kull sena fil-Kurja Ġenerali. F'diversi mumenti kien hemm ukoll preżenti wħud mill-kunsillieri ġenerali, ġest fejn intwera kemm dan is-suġġett tal-missjoni huwa fil-qalba tad-diversi ħidmiet li l-Ordni Franġiskan Kapuċċin iwettaq fil-Knisja u fid-dinja.

Bħala esperjenza konkreta magħquda mal-ħidma missjunarja l-parteċipanti għamlu żjara lill-komunità ta' San Eġidju ġewwa Ruma. Huma apprezzaw ferm il-ħidma li aktar minn 70,000 membru ta' din il-komunità qed iwettqu f'70 pajjiż, liema ħidma hija mibnija fuq it-**talb**, il-**paċi** u l-**faqar**.

Kif kien Ruma Ħuna Philip ma naqasx li jmur sal-Kulleġġ San Lawrenz ta' Brindisi sabiex hemm jagħmel żjara lil Ħutna s-saċerdoti novelli Elmar Pace u Jethro Bajada, li qegħdin jistudjaw, u mhux inqas bħala responsabbli mill-ħidma missjunarja jiltaqa' mat-tliet studenti Kenjani li qed jagħmlu korsijiet ta' studju fl-istess kulleġġ.



# WAJIR

## It-3 Parti



ESPERJENZA MISSJUNARJA FIL-KENJA

FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

*Fil-ħarġa tad-*Dawl Franġiskan *ta' April 2018 ktibt fl-Editorjal dwar iż-żjara tiegħi fil-Kenja billi tajt ħarsa ħafifa u ġenerali lejn id-diversi żjarat li għamilt f'dan il-pajjiż (17 ta' Frar – 16 ta' Marzu 2018) u anke wassaltilkom artiklu bl-informazzjoni dettaljata dwar il-kapitlu ordinarju elettiv li l-Aħwa Kapuċċini Kenjani żammew bejn id-19 u l-24 ta' Frar. Fil-ħarġa ta' Mejju qsamt magħkom ftit ħsibijiet dwar iż-żjara f'Garissa bħala ċentru tad-djoċesi, fejn hemm bħala isqof Ħuna Mons. Joseph Alessandro OFMCap. Issa nixtieq inkompli nikteb dwar l-esperjenza tiegħi fil-Kenja matul il-ġimgħat ta' wara. Nixtieq inkompli naqsam magħkom din l-informazzjoni f'din is-sensiela ta' artikli li qed inwasslilkom, li hija t-tielet parti. Illum ser nikteb dwar il-ġranet li għaddejt fil-parroċċa ta' Wajir, 'il fuq minn 300 kilometru 'l bogħod minn Garissa.*

### Lejn Wajir

Wara l-esperjenza sabiħa u kommoventi li kelli f'Garissa bejn it-Tnejn 26 u l-Erbgħa 28 ta' Frar, u bejn is-Sibt 3 u t-Tnejn 5 ta' Marzu, waslet il-ġurnata tal-Erbgħa 28 ta' Frar sabiex nibdew il-vjaġġ tagħna lejn Wajir, fejn kellna ngħaddu kważi erbat ijiem, jiġifieri mill-Erbgħa 28 ta' Frar sas-Sibt 3 ta' Marzu. Kif diġà ktibt fl-aħħar artiklu, is-Sibt 3 ta' Marzu minn Wajir irritornajna lejn Garissa sabiex il-Ħadd 4 ta' Marzu stajna nqaddsu fil-katidral.



It-triq lejn Wajir ma kinitx faċli. Triq fid-deżert fejn tiltaqa' ma' ħafna annimali li jgħixu f'dan l-ambjent hekk xott, niexef u għeri minn kollox. Ambjent fejn l-unika ħajja li tara, minbarra xi annimali, huma xtieli niexfa kollha xewk imma li kif iħossu ftit tal-ilma tarahom iħaddru. Fil-fatt fid-djoċesi ta' Garissa, li parti kbira minnha hija deżert matul is-sena, ix-xita li tinżel hija ta' madwar 5 ċm (żewġ pulzieri). Is sitwazzjoni ssir aktar gravi meta wieħed iqis li m'hemmx bjar, ġwiebi jew ċisterni fejn l-ilma jista' jinħażen, imma l-ammont il-kbir tal-ilma tax-xita jintilef fir-ramel tad-deżert. Tistgħu timmaġinaw in-nixfa li jkun hemm, imma fl-istess waqt tapprezza ħafna meta tagħmel ix-xita u meta tiltaqa' ma' xi għadira ilma.

### Villaġġi fid-deżert

Fit-triq kultant tara bħal villaġġi żgħar magħmula minn djar li jikkonsistu minn kamra waħda magħmula mill-ħaxix jew tiben. Hawnhekk ikompli jispikka l-faqar ta' dawn in-nies, uħud minnhom nomadi, ragħajja li jiġru minn post għal ieħor bil-merħliet tagħhom, ifittxu l-ilma. Quddiem xeni bħal dawn tistaqsi u tgħid: 'Imma dawn in-nies hawnhekk kif jgħixu? Minn fejn iġibu l-ikel u l-ilma?' Nies mitlufa fid-deżert 'l hawn u 'l hinn. Nies li jaddattaw ruħhom għal dan l-ambjent, għax kif nafu l-bniedem minnu nnifsu għandu l-kapaċità li jaddatta għal kull sitwazzjoni. Qabel ma



bdejna l-vjaġġ lejn Wajir ix-xufier tagħna Ħuna Fr Joseph Mutuse, li huwa saċerdot Kapuċċin Kenjan u għalhekk jaf sew l-ambjent, ħa ħsieb jaħżen għadd ġmielu ta' fliexken tal-plastik bl-ilma. Għall-ewwel jiena ħsibt li dan għalina, imma għamilt riflessjoni u f'qalbi għedt: 'Aħna kemm ser nixorbu ilma?' Imma dak l-ilma kollu ma kienx għalina. Matul il-vjaġġ iltqajna ma' ħafna nies li jgħixu fid-deżert, li għamlulna sinjali għall-ilma u aħna tajniehom minn dawn il-fliexken sakemm spiċċaw kollha.

## L-annimali tad-deżert

Fi triqitna lejn Wajir tapprezza l-annimali li tara, annimali li jgħixu fid-deżert li huma kapaċi jaddattaw għas-sħana ta' bejn 40 u 50 grad matul il-jum u anke għall-kesħa ta' matul il-lejl. Huma annimali li jew jaħżnu ħafna ilma, bħalma huwa l-ġemel, jew ma tantx jinħtieġu ilma biex jgħixu. Fost l-annimali li ltqajna magħhom f'dan l-ambjent kien hemm il-vultures, l-ostrich, il-karakal, volpijiet, il-ħanżir selvaġġ, xadini, l-antelope, il-ħmir slavaġ, il-ġiraffi u nafu li jkun hemm ukoll is-sriep, imma li b'xorti tajba ma rajnihomx.



## Wasalna Wajir

Fr Joseph Mutuse jsuq il-Van, jiena ħdejh u fuq wara Mons. Joseph Alessandro. L-Isqof ċedieli l-post ta' quddiem sabiex inkun nista' ngawdi aktar il-veduti tad-deżert u l-annimali li nistgħu niltaqgħu magħhom, u b'hekk inkun nista' nkun pront nieħu xi ritratti ta' annimali, xeni jew personaġġi li jolqtuni. Wara vjaġġ ta' kważi sitt sigħat wasalna Wajir.

Hawnhekk jiena diġà kont mort erba' darbiet oħra. L-aħħar li mort kien fis-sena 1997, meta kont għadni ministru provinċjal, u kont mort fuq żjara lill-missjunarji. L-erba' darbiet li mort Wajir kien fi żmien Patri Krispin Tabone, u miegħu kien hemm is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Is-sorijiet kienu jieħdu ħsieb il-Girls' Town u r-Rehabilitation Centre.



Issa li Alla ried li nerġa' mmur wara 20 sena stajt nara t-tibdil u l-iżvilupp li sar. Ħuna Patri Krispin Tabone m'għadux hemm. Huwa rtira mill-missjoni fis-sena 1998, sar ministru provinċjal għal 6 snin fl-1999 u wara għamel madwar 10 snin segretarju responsabbli mill-missjoni. Ħalliena f'Novembru tas-sena 2015. Imma għalkemm f'Wajir lil Patri Krispin ma sibtux, għalkemm ippretendejtu, il-frott tal-ħidma li wettaq għadu hemm.

## Żjarat f'Wajir

### Is-sorijiet "Ulied Sant'Anna"

L-ewwel żjara li għamilna f'Wajir kienet fid-dar fejn hemm is-Sorijiet "Ulied Santa Anna", li llum qed jieħdu ħsieb il-Girls' Town u wkoll skola primarja. Huma ferm organizzati. Matul l-erbat ijiem li domna hemm kienu jaħsbulna għall-ikel filgħodu u filgħaxija. Xi ħaġa li laqtitni kemm domna ma' dawn is-sorijiet kienet li Mons. Joseph Alessandro flimkien ma' Ħuna Fr Joseph Mutuse u s-sorijiet ħadu d-deċiżjoni li jinbena kunvent ġdid għall-istess sorijiet. Jiena fejn stajt u meta ġejt mitlub tajt ukoll il-kontribut tiegħi fid-deċiżjoni finali. Kienet deċiżjoni li kienet ilha tinħema, imma issa kien jidher li wasal il-mument li din tiġi ffinalizzata. Id-dar fejn kienu qed joqogħdu sa issa ma kinetx ta' kwalità addattata biżżejjed għallhom. U d-deċiżjoni



mhux biss ittieħdet imma wkoll immedjatament bdiet titwettaq. Ħuna Fr Mutuse, peress li huwa Kapuċċin Kenjan u għalhekk jaf aktar lin-nies u l-kultura tagħhom, mar fiċ-ċentru ta' Wajir u hemm sab 20 ħaddiem li bħall-parabbola tal-Evanġelju kienu qiegħda, qed jistennew min jiġi jħaddimhom. Dawn ġew, ftiehmu fuq il-ħlas tax-xogħol bil-ġurnata u tefgħu għonqhom biex iħaffru għall-pedamenti tal-kunvent ġdid għas-sorijiet. Fi tlett ijiem ix-xogħol mexa ġmielu, bis-sorijiet kuntenti li issa ser ikollhom dar żgħira u sempliċi imma aktar xierqa u sikura fejn joqogħdu.

## Is-sorijiet Kamelljani

Morna wkoll għand is-sorijiet Kamelljani (ta' San Kamillu ta' Lellis). Dawn għandhom kunvent ċkejken li kulma kellhom bżonn kien li jinbena ħajt ġdid fuq in-naħa ta' wara, biex ikun hemm aktar sigurtà. It-tema tas-sigurtà f'dawn l-ambjenti, aktar u aktar mas-sorijiet, hija tema li l-missjunarji jagħtuha prijorità. Il-Kenja mhuwiex pajjiż sikur minħabba xi attakki ta' ħallelin li faċilment jistgħu jsiru. Għalhekk il-preokkupazzjoni tal-isqof qatt mhi nieqsa milli joffri kull sigurtà possibbli lil kull missjunarju, kemm fil-kwalità tal-bini u anke permezz tal-għassa matul il-lejl. Anke hawnhekk ittieħdet id-deċiżjoni li jinstab kuntrattur sabiex jibni l-ħajt meħtieġ.

Is-sorijiet Kamelljani, skont il-kariżma tagħhom, huma responsabbli mir-Rehabilitation Centre. Hawnhekk kuljum jiġu persuni b'diżabilità u jirċievu l-għajnuna neċessarja, kemm fiżika u mentali kif ukoll spiritwali u pastorali. F'xi ġranet fil-ġimgħa s-sorijiet imorru fid-djar ta' dawk il-persuni b'diżabilità li ma jistgħux joħorġu minn djarhom. Is-sorijiet lil dawn il-persuni jieħdu ħsieb ukoll jipprovdulhom għajnuniet oħra bħalma huma l-ikel ta' kuljum u l-indafa ta' djarhom.

Kemm hu sabiħ u kommoventi tara dan ix-xogħol kollu jsir bil-għajnuna tal-missjunarji! U quddiem dan kollu l-mistoqsija toħroġ waħedha: li kieku m'hemmx il-missjunarju x'kien isir minn dawn l-anzjani, minn dawn il-persuni b'diżabilità u minn dawn it-tfal bla



ġenituri jew ġejjin minn familji mfarrka? Il-gvern ftit li xejn jagħti kas. Meta tara b'għajnejk din il-ħidma li qegħdin iwettqu l-missjunarji mal-morda, mal-fqar u l-iżgħar fis-soċjetà aktar tasal biex tapprezza kemm tassew il-Knisja qed tgħix il-mandat li Kristu taha, bil-għan li twettaq l-opri tal-ħniena bħala programm ta' evanġelizzazzjoni.

## Il-"Grannies Centre"

Ftit 'il bogħod mir-Rehabilitation Centre hemm il-Grannies Centre. Dan huwa ċentru li minnu tiġi organizzata u toħroġ ħafna għajnuna lill-anzjani ta' Wajir. Il-persuna responsabbli ta' dan iċ-ċentru għall-anzjani huwa John King'ori, lajk impenjat fil-Knisja. Minn dan iċ-ċentru ssir ħafna ħidma, fosthom it-tqassim tal-ikel lill-anzjani, it-tqassim ta' ħwejjeġ u ħtiġijiet oħra li persuni anzjani jkollhom bżonn fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u anke għajnuniet mediċi meta l-anzjan ikun maħkum minn diżabilità minħabba l-istess xjuħija. Iċ-centru jirċievi għajnuna finanzjarja minn NGOs Taljani, mill Wajir County Government u anke mill-istess djoċesi ta' Garissa. Ħafna drabi bil-flus li jirċievi dan iċ-ċentru jieħu ħsieb li jibni mill-ġdid il-huts qodma u mfarrka tal-anzjani. Fil-preżent il-ħidma tant






utli li dan iċ-ċentru qed iwettaq qed jibbenefikaw minnha 'l fuq minn 340 persuna anzjana. L-anzjan fil-Kenja m'għandux l-għajnuniet soċjali li nafu bihom hawn Malta; waħda mill-kategoriji ta' nies li huma foqra u vulnerabbli huma proprju l-anzjani. Għalhekk id-djoċesi ta' Garissa fil-ħidmiet soċjali tagħha tagħti prijorità lil dawn ħutna.

## Il-parroċċa ta' San Ġużepp

Fil-qalba tal-belt ta' Wajir għandek tilmaħ il-bini tal-knisja parrokkjali ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem. Qabel ma f'Wajir kien hemm Ħuna P. Krispin diġà kien hemm Ħuna Patri Ġużepp Gauci, Kapuċċin. Kien dan li bena l-knisja parrokkjali u ddedikaha lil San Ġużepp Ħaddiem.

Hawnhekk bħalissa bħala kappillan hemm Fr Alfred Muriithi, saċerdot djoċesan. Hija parroċċa ferm attiva, għalkemm Wajir huwa maħkum minn maġġoranza ta' Musulmani. Imma f'Wajir ftit jeżisti inkwiet bejn Insara u



Musulmani. Jirnexxilhom jgħixu flimkien fil-paċi, jirrispettaw lil xulxin u jaħdmu flimkien. Sakemm ma jindaħlux l-awtoritajiet fanatiċi u radikali kollox jibqa' miexi tajjeb. Il-problema tqum meta xi mexxej min-naħa tal-Musulmani jkun fanatiku u radikali u jibda jxewwex lin-nies tat-twemmin tiegħu u b'hekk iqajjem l-inkwiet, it-tensjoni u anke l-ġlied fl-istess belt. X'responsabilità

kbira għandhom il-mexxejja! Minnhom tiddependi ħafna l-paċi fid-dinja. Huma kapaċi jżommu l-kontroll, il-paċi u l-għaqda, imma daqstant ieħor huma kapaċi bit-tixwix iqajmu r-rewwixti u l-ġlied. Forsi mhux dan li qed jiġri f'diversi pajjiżi tad-dinja? Jinqdew bir-reliġjon biex jiżvugaw ir-rabja u l-mibegħda tagħhom. Jinqdew b'Allah biex saħansitra joqtlu n-nies maħluqa minn Alla u li huma wlied Alla. U dan ħafna drabi jagħmluh mhux b'xi żelu għar-reliġjon li jipprofessaw imma għall-interess personali ta' flus u poter.

## Il-kappella tas-Sagrament

Matul il-jiem li għaddejt f'Wajir ta' kuljum konna mmorru fil-kappella tas-Sagrament, li tinsab fil-compound tal-Girls' Town, immexxi mis-sorijiet. Din ukoll mibnija minn Ħuna P. Krispin Tabone. Konna mmorru kuljum, kemm sabiex niċċelebraw il-quddiesa flimkien mas-Sorijiet 'Ulied Santa Anna' kif ukoll sabiex matul il-jum nitolbu flimkien il-Liturġija tas-Sigħat. Matul il-jum kull wieħed minna kien isib ħin biex imur jitlob għalih.

Din hija kappella li lili ġġibli ħafna tifkiriet sbieħ. Kull darba li żort Wajir bejn is-snin 1992 u 1998, b'kollox erba' darbiet, din il-kappella dejjem kienet bħaċ-ċentru tal-compound tal-missjoni f'Wajir. Niftakar li minbarra l-quddies u t-talb tagħna bħala komunità, kull filgħaxija qabel ma nidħlu biex norqdu arana, P. Krispin u jiena, sejrin lejn din il-kappella ċkejkna u devota sabiex insellmu lil Ġesù Sagramentat. Dak iż-żmien kienet issir l-adorazzjoni 'perpetwa' bejn it-8.00 ta' filgħodu u tard filgħaxija, sal-ħin li niġu biex immorru biex norqdu. Matul il-ġurnata kien ikun hemm uħud min-nies tagħna li kienu jmorru jgħaddu ħin quddiem Ġesù Sagramentat.



Nistqarr il-verità, kont naħseb li issa li Patri Krispin m'għadux hemm, din il-kappella ġiet abbandunata, u li l-adorazzjoni ma baqgħetx issir. Imma din id-darba fraħt immens meta rajt li għalkemm f'din il-kappella m'għadx hemm l-adorazzjoni bis-Sagrament espost, però qed tintuża aktar minn qabel. Qed tintuża kuljum bħala l-kappella uffiċjali tal-komunità tas-sorijiet, li fiha jiltaqgħu biex jitolbu flimkien.

## Il-pittura ta' San Ġużepp

Jiena mexxejt il-quddies ta' nhar il-Ħamis 1 ta' Marzu. Hekk kif spiċċajt il-quddiesa, qabel ma bgħatt lil dawk preżenti biex imorru fil-paċi ta' Kristu, ħassejt li għandi ngħid kelmtejn, speċjalment lis-sorijiet, li issa huma responsabbli. Qsamt magħhom ftit informazzjoni dwar Ħuna P. Krispin, li għalkemm is-sorijiet ġieli semgħu bih, però ftit kienu jafu fuqu. Għedtilhom li huwa kien li bena dik il-kappella, u anke l-iskop li għaliha bnieha. Fuq l-artal, fiċ-ċentru tal-kappella, għad hemm kwadru ta' San Ġużepp bil-Bambin f'idejh. Jiena, meta rajtu, mill-istil tiegħu mill-ewwel indunajt min pittru dan il-kwadru. Il-pittur tiegħu huwa Ħuna P. Krispin. Għalhekk lis-sorijiet għedtilhom ta' min hu dak il-kwadru u tlabthom sabiex ma jneħħuhx minn hemm. Huma wiegħdu kemm lili kif ukoll lill-Isqof Joe Alessandro li issa li saru jafu l-valur tiegħu ser iżommuh bl-akbar għożża u sejrin jibdlulu l-kwadru tal-injam f'wieħed aħjar, biex ikun aktar imħares tajjeb.

## Għeluq

Esperjenza oħra ma' dawk li diġà kelli. Is-sbuħija ta' Wajir, speċjalment fl-iżvilupp li rajt wara 20 sena, hija xi ħaġa li taffaxxinak u li tħajrek sabiex terfa' għajnejk lejn Alla u troddlu ħajr. Kemm huwa sabiħ li tara l-komunitajiet Insara fid-diversi parroċċi f'dawn l-artijiet tal-missjoni jikbru u joktru, mhux biss fin-numru imma wisq iżjed fil-fidi. U dan akkost il-persekuzzjoni; akkost li qed jgħixu qalb il-Musulmani. Kemm għandna x'nitgħallmu minnhom dawn in-nies! Aħna n-numru tan-nies li jmorru l-quddies kull nhar ta' Ħadd qed jonqos u f'Wajir qed jiżdied; in-numru tal-vokazzjonijiet f'Malta nieżel 'l isfel u fil-Kenja l-vokazzjonijiet dejjem jiżdiedu. Dan huwa l-miraklu li bl-għajnejn tal-fidi tara jseħħ fl-artijiet tal-missjoni: il-miraklu tal-komunitajiet li jikbru u joktru; il-miraklu li tmur biex tagħti u mingħalik li għandek x'tagħti, imma aktar tirċievi milli tagħti. U ta' dan inrodd ħajr lil Alla.

# TISLIMA LIN-NANNIET





POEŻIJA

KAV. JOE M. ATTARD

Nhar is-26 ta' Lulju l-Knisja tiċċelebra l-festa ta' Santa Anna u San Ġwakkin, li huma patruni tan-nanniet, huma li kienu n-nanniet ta' Ġesù Bambin. Permezz ta' din il-poeżija nixtiequ nawguraw lin-nanniet kollha għall-ħidma li jwettqu b'tant imħabba man-neputijiet tagħhom. Nitolbu għalihom u nħeġġuhom sabiex ikomplu jrawmu lin-neputijiet tagħhom fil-fidi.

Illum jiena xtaqt insellem
lin-nanniet tagħna l-Maltin
u ngħidilhom sabiex jimxu
fuq Sant'Anna u San Ġwakkin,

illi kienu n-nanniet hienja
ta' Ġesù, ħelu bambin,
li binthom il-Verġni mbierka
wildet għalina l-bnedmin!

Jiena ċert dil-koppja ħelwa
kienet l-iktar ixxurtjata.
Żgur li f'Anna l-Patrijarka
sab maż-żmien l-aqwa kunjata,

li flimkien ma' Ġwakkin tagħha
ħadet ħsieb lill-Bambin ċkejken
biex Ġużeppi l-ħobża jaqla'
mill-ħanut tiegħu msejken!

In-nanniet ta' Malta u Għawdex,
bħal Sant'Anna u San Ġwakkin,
min jaf kemm paċenzja jieħdu
bit-tfal ta' wliedhom ċkejknin,

wara li fis-snin mgħoddija
rabbew qabel lil uliedhom,
u min jaf x'tbatija ġarrbu
u fis-skiet x'għamlu għalihom!

Issa illi kibru sewwa
jieħdu ħsieb it-tfal tat-tfal,
u bl-akbar paċenzja jgħaddu
bl-akbar għożża sigħat twal

biex ulied dawn it-tfal tagħhom
joħorġu għax-xogħol tal-jum
u bil-għaraq minn ta' ġbinhom
l-għaxja jġibu ta' kuljum!

Nitolbuk, Mulej Missierna,
bierek lil dawn in-nanniet
u żejjinhom b'għomor hieni
biex fihom jafdaw l-ulied.

U kif lilhom rawhom jikbru
u jsiru nisa u rġiel,
jibqgħu jieħdu ħsieb uliedhom
bl-għożża, imħabba, mingħajr xkiel!

Għeżież nanniet, kemm inħobbkom!
Intom il-mimmi t'għajnejja.
Kif nista' ngħaddi mingħajrkom?
La titbiegħdu qatt minn ħdejja!

Wara kollox jien ngħodd ruħi
ukoll ma' dawn in-nanniet;
għalaqt tnejn u sebgħin sena
u nħobb lin-neputijiet!

San Ġwakkin, twajba Sant'Anna,
li ħadtu ħsieb il-Bambin,
bierku lin-nanniet Maltija
u seddquhom tul is-snin!

U wara dil-ħajja hawn isfel
ħuduhom fil-ġenna magħkom,
ħalli jgawdu l-ferħ ta' dejjem;
wiċċ imb wiċċ hemm fuq jarawkom!



# ĦUNA PATRI MUDEST GATT
# JIDĦOL FIL-ĦAJJA TA' DEJJEM



AĦBARIJIET

FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

Nhar il-Ġimgħa, 20 ta' April 2018 fis-sigħat bikrin ta' filgħodu ġriet l-aħbar tal-mewt ta' Ħuna Patri Mudest Gatt, Franġiskan Kapuċċin. Huwa daħal fil-ħajja ta' dejjem fis-6.30 ta' filgħodu fid-Dar tal-Kleru, fejn kien għal dawn l-aħħar ħames snin, fl-età ta' 83 sena.



akkademika, u għalhekk fin-novena ta' Marija Immakulata, eżattament fl-4 ta' Diċembru tas-sena 1955, għamel il-professjoni perpetwa u b'hekk sar membru sħiħ tal-Ordni Kapuċċin. Huwa ġie ordnat presbiteru nhar it-2 ta' April tas-sena 1960.




Ħuna Patri Mudest, iben Salvu Gatt u Maria née Lugermo, twieled f'Bormla nhar is-17 ta' Ottubru tas-sena 1934, fejn fil-magħmudija ngħata l-isem ta' Joseph (jew Joe, kif kienu jsejħulu tal-familja). Fl-1 ta' Ottubru tas-sena 1950 ħa d-deċiżjoni li jilqa' s-sejħa li l-Mulej kien qed jagħmillu billi ta bidu għas-sena tan-novizzjat, u b'hekk ingħaqad mal-Ordni tal-Franġiskani Minuri Kapuċċini. Sena wara għamel l-ewwel professjoni tiegħu, eżattament fil-21 ta' Ottubru tas-sena 1951. Huwa baqa' miexi 'l quddiem fil-formazzjoni kemm għall-ħajja reliġjuża kif ukoll għal dik



## Diversi ministeri

Matul it-68 sena bħala reliġjuż Kapuċċin u matul il-58 sena bħala saċerdot Ħuna Patri Mudest wettaq diversi ministeri. Huwa ħadem kemm fil-parroċċa ta' San Ġwann, f'diversi sptarijiet, fl-artijiet tal-missjoni u fuq il-mezzi tax-xandir. Għal snin twal kien flimkien ma' Ħuna Pietru Pawl Schembri jagħti kura pastorali lill-grupp ta' persuni b'diżabilità fir-Rehabilitation Centre f'Raħal Ġdid.

Ħidma li Ħuna P. Mudest wettaq b'dedikazzjoni kbira kienet dik li għal snin twal kien jaħdem mal-PBS, kemm bħala ċensur kif ukoll bħala kappillan/direttur spiritwali tal-istaff kollu ta' Xandir Malta. Għalkemm

il-ħidma prinċipali tiegħu hawnhekk kienet li jiċċensura l-films qabel ma jintwerew fuq it-televiżjoni Maltija, kif kien jistqarr huwa stess, il-pastorali tiegħu f'dan l-ambjent qatt ma naqset. Huwa ħadem ħafna pastoralment f'Xandir Malta, kemm fit-televiżjoni kif ukoll fuq Radju Malta, kemm biċ-ċelebrazzjoni tal-quddies u l-qrar kif ukoll bil-pariri siewja li kien jagħti lil dawk kollha li kienu jfittxuh. Huwa kien jirnexxilu jidħol ukoll fil-familji tal-ħaddiema ta' Xandir Malta, bil-għan li jagħtihom kull għajnuna possibbli.

Ħuna P. Mudest kien ukoll għal xi snin jagħti l-kontribut tiegħu bil-kitba regolari ta' kull xahar f'din ir-rivista *Dawl Franġiskan*. Kellu l-paġna tiegħu, li kienet imfittxija mill-qarrejja tar-rivista. Kien ukoll jagħmel diversi programmi, speċjalment fuq Radju Malta. Fost dawn baqgħu msemmija dawk li kien jagħmel ma' Susan Mulvaney.

## Missjunarju

Huwa kien ukoll missjunarju fil-Kolombja (1960-1965) flimkien ma' Ħutna P. Sebastjan Bonavia, P. Leo White, P. Pietru Pawl Schembri u P. Ġwakkin Mercieca. Wara dawn is-snin li dawn Ħutna għamlu fil-Kolombja, ġew imsejħa lura Malta, u b'hekk il-preżenza tagħna bħala missjunarji f'dan il-pajjiż Latin Amerikan intemmet.



Fis-sena 1997, fuq talba tal-Ministru Ġenerali tal Ordni Ħuna John Corriveau, P. Mudest għadda wkoll tliet xhur flimkien ma' Ħuna P. Ġwakkin Mercieca f'Kuba, fejn wettqu xogħol pastorali fid-djoċesi ta' Santa Clara. P. Mudest kien il-kappillan ta' La Pastora filwaqt li Ħuna P. Ġwakkin kien kappillan ta' Santa Ana. Dawn kienu l-ewwel żewġ Kapuċċini Maltin li daħlu f'Kuba. Warajhom marru Ħuna P. Frans Baldacchino, li dam sena, u wkoll Ħuna P. Philip Cutajar, li dam 12-il sena. B'hekk P. Mudest huwa wieħed mill-pijunieri tal-istorja tal-Kapuċċini Maltin f'Kuba, perjodu qasir ta' storja ta' 15-il sena, imma sinifikattiv.

Minbarra d-diversi ħidmiet li wettaq, Ħuna P. Mudest żgur li nibqgħu niftakruh għall-karattru sinċier, ferrieħi u espressiv li kellu. Kien dak it-tip li taf fejn inti miegħu, twajjeb. Tant twajjeb li persuni b'malizzja kienu anke jaslu biex japprofittaw mit-tjubija tiegħu, u minħabba f'hekk ġieli bata fis-skiet. Ma kienx iżomm f'qalbu, diffiċli biex iweġġa' lil xi ħadd. L-għaxqa tiegħu jaqbad xi argument fuq it-teoloġija mal-patrijiet. Kien iħobb jaqra, jistudja u jitgħallem. Kull fejn ikun kien joħloq ambjent ferrieħi, speċjalment bil-vuċi sabiħa li kellu sabiex ikanta. L-Immakulata u Bormla kienu għalih żewġ teżori ferm għal qalbu.

## Il-funeral

Il-funeral tiegħu sar nhar is-Sibt, 21 ta' April 2018 fil-knisja tas-Salib Imqaddes tal-Kapuċċini fil-Furjana, peress li huwa fl-aħħar snin ta' ħajtu kien jagħmel parti minn din il-fraternità. Il-quddiesa konċelebrata ġiet immexxija mill-Ministru Provinċjal Ħuna Effie Mallia. Kienu preżenti ż-żewġ isqfijiet missjunarji Maltin: l-Isqof Emeritu ta' Garissa Mons. Pawlu Darmanin OFMCap u l-Isqof ta' Garissa Mons. Joseph Alessandro OFMCap, flimkien ma' għadd ġmielu ta' saċerdoti kemm Kapuċċini kif ukoll djoċesani. Fl-omelija tiegħu Ħuna Effie, filwaqt li għamel referenza għad-diversi ministeri li Ħuna P. Mudest wettaq matul il-ħajja saċerdotali tiegħu, huwa tkellem dwar is-sbuħija tal-ħajja mgħixa bil-fidi fi Kristu Rxoxt u mibnija fuq it-tama tal-ħajja ta' dejjem.

Huwa ġie midfun fl-oqbra tagħna l-Kapuċċini fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata f'Raħal Ġdid.

Filwaqt li nirringrazzjaw lil Alla għar-rigal li tana fil-persuna ta' Ħuna P. Mudest Gatt, u mhux inqas għall-ġid kbir li huwa wettaq bħala reliġjuż u bħala saċerdot, nagħtu l-għomor lill-familjari tiegħu u ngħidu grazzi lil dawk kollha li ħabbewh u għenuh f'ħajtu. Min-naħa tagħna nkomplu nitolbu għalih:

*Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem; id-dawl ta' dejjem jiddi lilu, jistrieħ fis-sliem. Ammen.*

# IL-KNISJA TAL-VITORJA

IL-BELT VALLETTA – ĠAWHRA UNIKA



JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

Wara l-bini tat-Teatru Rjal insibu l-knisja tal-Vitorja, dedikata lit-Twelid tal-Madonna. Dan il-bini hu meqjus bħala l-ewwel bini tal-Belt Valletta. Din il-knisja tixhed id-devozzjoni kbira li kellhom il-Kavallieri lejn Omm Alla. Ta' min jgħid li l-Gran Mastru Jean de Valette, matul l-Assedju, kien jitlob kuljum l-għajnuna divina permezz tal-Madonna. Għalhekk maż-żmien din il-knisja bdiet tissejjaħ 'il-knisja tal-Vitorja', għar-rebħa li wettqu l-Ordni u l-Maltin fuq l-Imperu Tork. Aktarx din il-knisja nbniet ukoll biex il-ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq il-bini tal-Belt Valletta jkollhom is-servizz tas-smigħ tal-quddies.

Il-knisja tal-Vitorja saret fuq pjanta ta' Ġlormu Cassar. Aktarx dan Cassar ried li din il-knisja sservi bħala mudell għal knisja konventwali ikbar. Maż-żmien din il-knisja rat tibdil u żidiet strutturali. Fl-1752 żdiedet l-apside, jiġifieri l-firxa ta' wara l-artal maġġur. Tkabbret ukoll in-navata kif ukoll tqiegħed il-kampnar. Il-knisja ġiet mogħtija faċċata ġdida – faċċata Barokka. Dawn ix-xogħlijiet tħallsu minn diversi benefatturi, l-aktar il-Balì ta' Majorka Fra Gerolamo Ribas Montelieu u l-Balì Fra Francesco Antonio del Castillo et Gordan.



## Storja u arti

Meta fl-1571 il-Gran Mastru ħareġ l-ordni li l-Kavallieri jħallu l-Birgu u jwaqqfu s-sede tagħhom fil-Belt Valletta, din il-knisja bdiet tintuża bħala l-knisja konventwali tal-Ordni, sakemm tlestiet il-knisja ta' San Ġwann fl-1577.

Il-pittura tas-saqaf ġiet imnaddfa bil-ħidma ta' Din l-Art Ħelwa. Din il-pittura tirrappreżenta episodji mill-ħajja tal-Madonna. Dan hu kollu xogħol ta' wieħed mill-artisti ewlenin Maltin – Alessio Erardi. Ħafna huma tal-fehma li din il-pittura hija eżempju tal-Barokk Malti. F'din il-knisja nsibu ikona mirakoluża tal-Madonna li qed tħaddan lil Binha Ġesù. Dan ix-xogħol artistiku nġieb Malta minn Ċipru min-Nobbli Michele Ralli. Dan Ralli ta din l-ikona lill-Gran Mastru Fra Alofius Wignacourt. It-titular huwa wkoll opra tal-arti. Dan juri lill-Madonna qiegħda titlob. Hija pittura fuq ir-ram u hija miksija bil-fidda.

## Drawwiet

Il-Balì ta' Brandenburg, Fra Wolfgang Philip Guttenburg, ħalla għadd ta' fondazzjonijiet biex jitwettqu f'festi f'ġieħ il-Madonna f'din il-knisja. Ta' min jgħid ukoll li marbuta ma' din il-knisja kien hemm id-drawwa li għall-festa ta' San Anton Abbati kienu jinġabru s-sidien tal-annimali domestiċi (il-pets). Kien joħroġ qassis u wara xi talba żgħira kien ibierek l-annimali. Din iċ-ċerimonja kienet issir fil-fetħa li hemm bejn il-knisja tal-Vitorja u l-knisja ta' Santa Katerina tal-Italja.

Il-knisja kienet tiġi użata mir-Royal Malta Fencibles bħala l-knisja tagħhom. Dawn is-suldati Maltin maż-żmien saru magħrufa bħala Royal Malta Artillery.

## Inżuru din il-knisja:

Nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt bejn is-7.30 a.m. u l-10.00 a.m., nhar ta' Tlieta bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar. Nhar ta' Sibt tiftaħ ukoll bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m.

# LIL ART TWELIDI F'SIEGĦA TA' NIKET





POEŻIJA

DUN GEOFFREY G. ATTARD

Malta, Malta, għal darb'oħra
indur lejk bid-dmugħ f'għajnejja
hekk kif nilmħek taqa' għal tulek
kif mill-hemm tinsab għaddejja!

X'daħal fik? Għidli, kellimni!
Ma nafx kif qiegħed narak;
bilkemm wiċċek nista' nagħraf,
aħseb u ara kemm nafdak!

Le, m'għadekx Malta bħal qabel,
l-għira tal-ġnus barranin.
Sirt id-daħk ta' min fl-imgħoddi
kellu lejk kliem mirqum, fin.

Ma nafx x'tak! Għax ħlift li tiċħad
il-wirt tiegħek tat-twemmin,
biex minflok sirt qisek mandra
b'tant irwejjaħ maħmuġin?

Issa fhimt kliem il-poeta
li fetaħlek għajnejk sew
fit-twissija kbira tiegħu
biex titbiegħed minn kull dnew'!

U ladarba ħtart li twarrab
tal-Imsallab it-tagħlim,
nibża' wisq li f'telfien kiebi
għad jissarraf id-destin!

Forsi basru qatt xi darba
l-eroj tagħna fuq is-swar
li fit-trab l-isem ta' ġensna
kellu jisfa b'tant imrar?

Forsi Xerri, Psaila u Preca
mill-ħsieb tagħhom għadda mqar
li xi darba Malta għad tinsa
l-għeruq tagħha qodma u kbar?

Riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa;
kif tar kollox, x'waħda din!
Bilfors li tal-qoxra u jgħaddi
kien twemminek tul is-snin...

... sabiex issa l-kbarat tiegħek
f'ħakka t'għajn, mingħajr ilġiem,
għamlu minnek miżbla sħiħa,
biegħu ruħek mingħajr dwiem!

U biex issa żgur titpastaż
sal-qiegħ nett wasalt missejt,
hekk kif tilgħab m'għerq il-ħajja
bla kuxjenza fittixt bdejt.

Nibqa' nħobbok, Malta, nibqa',
imma nħaddnek ma nistax,
għax id-dehen ta' min qed jaħkmek
f'ruħek aktar ma narax.







PADRE PIO
100 SENA MILL-GĦOTI TAL-PJAGI
50 MIT-TWELID TIEGĦU GĦAS-SEMA

# IL-KURUNA TAX-XEWK U L-FLAĠELLAZZJONI

PADRE PIO
FR JOE BUTTIGIEG OFMCAP

Padre Pio ta' Pietrelcina ma kienx biss l-ewwel saċerdot li ġab f'ġismu l-5 pjagi ta' Ġesù Kristu, imma wkoll l-ewwel wieħed li ġarrab il-passjoni ta' Ġesù.

F'din is-sensiela diġà tkellimna dwar in-nifda tal-qalb u l-għoti tal-pjagi. Ma' dawn irridu nkomplu l-esperjenzi tal-kuruna tax-xewk u tas-swat, l-għaraq tad-demm, flimkien mal-pjaga ta' fuq l-ispalla (il-pjaga l-moħbija).

Aħna għandna xhieda biżżejjed, minn fost dawk li kienu preżenti kmieni filgħodu għall-quddiesa tiegħu, li s-sehem tal-passjoni ta' Padre Pio fil-passjoni ta' Ġesù Kristu, li l-Knisja tgħix "illum u hawn" f'kull quddiesa li titqaddes, kien jibda mis-sagristija.

Huwa kien jorqod ftit u jqum kmieni, mas-sagħtejn ta' filgħodu, biex iħejji lilu nnifsu għall-quddiesa.

Dawk li kienu jgħinuh ixidd fuqu l-ilbies sagru, imbagħad, jixhdu li huwa u jilbes wiċċu kien jibda jieħu bixra oħra, bħal ta' wieħed li bħallikieku jaf x'inhu ġej għalih.

Imbagħad, meta kien jasal il-ħin li jibda l-quddiesa, huwa u ħiereġ mis-sagristija lejn l-artal iddedikat lil San Franġisk, b'dak il-pass tqil tiegħu, kien jidher qisu wieħed li qiegħed iġorr fuq spallejh bħal toqol. Tgħid is-salib?

Ix-xhieda tal-esperjenza tal-kuruna tax-xewk u tal-flaġellazzjoni waslu għandna fil-forma ta' mistoqsija u tweġiba.

Il-qmis ta' billejl li ħiha kien jorqod Padre Pio hija dokument mill-aqwa tal-esperjenza tal-flaġellazzjoni. Wieħed jista' jara kopja tagħha fil-mużew tal-kunvent ta' San Giovanni Rotondo. Jidhru ċari t-tbajja' tad-demm, frott tas-swat li kien jaqla' l-Padre, l-aktar matul il-lejl.

Mistoqsi jekk meta jkun qiegħed jiġi fflaġellat ikunx waħdu jew assistit minn xi ħadd, il-Padre wieġeb li jkun megħjun mill-Verġni mbierka: *"Tkun preżenti l-Ġenna kollha."*

Hemm ukoll għall-wiri faxxa li kien juża Padre Pio biex jixxotta d-demm li kien joħroġ minn rasu. Hija kollha mċappsa bid-demm: dan hu dokument importanti ieħor li jgħinna nifhmu u naraw l-esperjenza tal-kuruna tax-xewk mogħtija minn Ġesù lil Padre Pio.

L-esperjenza tal-passjoni ta' Ġesù mingħajr il-kuruna tax-xewk għal Padre Pio ma kinitx tkun sħiħa.

Għall-mistoqsija: *"Bil-kuruna tax-xewk, liema dnubiet ħafer Ġesù?"* Padre Pio wieġeb: *"Kollha."*

*"Ix-xewk, Padre, kien fuq ġbinek jew madwar rasek?"*

*"Madwar rasi kollha."*

*"Padre, kemm fiha xewk il-kuruna? 30 waħda?"*

*"Iva, mela!"*

*"Padre, jiena naħseb li l-kuruna tiegħek mhux 30 xewka fiha, imma 300!"*

*"Qiegħed timpressjona ruħek għal żero? Imbagħad, it-30 mhumiex fit-300?"*

Meta kien ġie mistoqsi jekk waqt il-quddiesa kollha jsofrix il-kuruna tax-xewk, it-tweġiba tal-Padre kienet: *"Tiddubita? Mhux biss waqt il-quddiesa, imma qabel u wara wkoll!"*

Fit-30 ta' Settembru 1915 Padre Agostino, f'ittra li kitiblu, kien għamel lil Padre Pio sett ta' mistoqsijiet preċiżi. Waħda minnhom kienet: *"Għidli jekk Ġesù qattx tak li tesperjenza, u kemm-il darba, il-kuruna tax-xewk u l-flaġellazzjoni."*

Padre Pio kien wieġbu, b'ittra li ġġib id-data tal-10 ta' Ottubru, li iva, imma dwar kemm-il darba m'għarafx jgħid eżatt.

Imbagħad wieħed mix-xhieda ewlenin kemm tal-kuruna tax-xewk kif ukoll tal-flaġellazzjoni kien Fra Modesto Fucci, Kapuċċin, kompajżan ta' Padre Pio.

Meta fl-1969 kien ġie mibgħut San Giovanni Rotondo u mqabbad jagħmel inventarju tat-tifkiriet kollha ta' Padre Pio, ġiet f'idejh l-hekk imsejħa 'qmis tal-flaġellazzjoni'.

Xhud ieħor importanti tal-esperjenza tal-flaġellazzjoni kienet Cleonice Morcaldi, bint spiritwali tal-Padre. Hija kienet tatu qmis bajda għal billejl biex jorqod iktar komdu, minflok il-laptu kannella li kien jorqod bih: *"Kont żgura li jerġa' jibgħatha lura, imma le, żammha 3 iljieli. Meta bagħathieli kienet kollha mċappsa bid-demm, l-aktar fuq in-naħa tal-ispallejn."*

Fra Modesto kien ukoll xhud, flimkien ma' Maria Pompilio, tal-esperjenza tal-kuruna tax-xewk meta f'Jannar 1945 kien preżenti waqt il-quddiesa ta' Padre Pio: *"Għajnejja waqgħu fuq il-ġbin u l-għonq... stajt nara tikek bħal dawk tax-xewk. Ta' spiss il-Padre kien jerfa' subgħu tan-nofs u jmiss ġbinu, bħallikieku ried ineħħi xi ħaġa li kienet qiegħda ddejqu."*

Maria Pompilio, imbagħad, fil-ktieb tagħha ta' tifkiriet, tikteb li darba waħda filgħodu, meta kienet qrib tal-Padre, setgħet tara f'xagħru, qrib ġbinu, *"qtar aħmar u bil-ponta qisu msiemer,"* u meta ppruvat tmisshom, Padre Pio dar lejha u b'ħafna kalma qalilha: *"Oqgħod kwieta. Tħassarx l-opra ta' Alla."*

Dawn l-esperjenzi kienu t-turija tas-sejħa ta' Alla lil Padre Pio, dik li jkun vittma mal-Vittma, imsallab mal-Imsallab, u dan mhux għat-tbatija fiha nnfisha, le, imma għaliex il-frott tat-tbatija huwa s-salvazzjoni tal-bnedmin u tad-dinja, li jagħti glorja lil Alla.



SAN ĠUŻEPP PROTAGONIST FL-ISTORJA:

# BEJN IL-BIBBJA U DUN KARM

(L-Ewwel Parti)





QADDISIN MUDELLI

PHILIP E. SAID

Dun Karm, il-poeta nazzjonali, jixraqlu li jkun magħruf b'titli differenti. U dan bir-raġun, għaliex hekk jixhdu l-poeżiji immortali li kiteb, ġawhra tal-letteratura Maltija. Ma nkunux niċħdu s-sewwa jekk ngħidu li Dun Karm hu l-poeta tan-natura, il-poeta tal-ilsien Malti, il-poeta tan-nazzjon Malti, il-poeta tar-reliġjon, u saħansitra l-poeta eżistenzjalista li jikxef qisu f'mera ruħ il-bniedem, bil-fehmiet, l-emozzjonijiet u l-kunflitti interjuri tagħha. Ma' dawn wieħed jista' jsejjaħ 'il Dun Karm bħala l-poeta tal-istorja, fis-sens uman u divin tagħha, bħala storja tal-bniedem u storja tas-salvazzjoni. Xhieda ta' dan l-aħħar titlu huma poeżiji storiċi bħal *Il-Musbieħ tal-Mużew, Nhar San Ġwann, Lil Malta wara l-Ġieħ tal-George Cross*, is-sunett *Għal Dun Mikiel Xerri*, u l-għoxrin poeżija fuq *Il-X ta' Frar* li kiteb bejn l-1915 u l-1945. Hemm f'dawn it-titli proċess ta' gradazzjoni li jimxi mal-proċess ta' maturazzjoni u żvilupp fil-ħsieb poetiku ta' Dun Karm.

Hu interessanti ninnotaw li 'l Dun Karm nistgħu narawh bħala poeta tal-istorja fit-tliet poeżiji li kiteb bħala tislima lil San Ġużepp, jiġifieri *Innu lill-Patrijarka San Ġużepp, Innu lil San Ġużepp u San Ġużepp lill-Ħaddiem Nisrani*. Hawnhekk se naraw fejn jidhru l-elementi storiċi f'dawn it-tliet kitbiet, u wkoll kif Dun Karm fil-kitba tiegħu jibqa' fidil lejn dak li tgħidilna l-Bibbja fuq Ġużeppi. Hu minnu, għalhekk, li l-poeżija ta' Dun Karm, barra l-valur letterarju, għandha valur bibliku.

## Ir-Rwol ta' San Ġużepp fl-Istorja

Jekk inħarsu lejn ir-rwol ta' San Ġużepp fl-istorja tat-twelid u t-tfulija ta' Ġesù nistgħu nieħdu l-idea li hu rwol ordinarju u simplistiku. Madankollu, hu rwol li jqanqal mistoqsijiet filosofiċi u teoloġiċi ta' importanza kbira: Għaliex Alla sar bniedem? Għaliex Alla, etern u infinit, kellu jidħol fil-limitazzjoni taż-żmien u l-ispazju tal-istorja? Għaliex kellu jkun San Ġużepp ir-raġel ta' Marija u l-missier legali ta' Kristu? Dawn huma mistoqsijiet fundamentali dwar il-pjan divin, li jmorru lil hinn min-narrattiva sempliċi tat-twelid ta' Ġesù. Huma mistoqsijiet li jqanqlu argumenti li jistgħu jkunu qegħdin jagħmlu ħafna nies fi żminijietna, karatterizzati mid-dubji u l-inċertezzi tal-postmodernità li tara l-eżistenza u r-reliġjon Nisranija mil-lenti tar-relattiviżmu u x-xettiċiżmu.

Hu minnu li s-sid tal-istorja hu Alla, kreatur li jintervjeni fl-istorja tal-ikkreat. Iżda hu minnu wkoll li San Ġużepp hu wieħed mit-tliet protagonisti tal-akbar ġrajja li qatt seħħet u tal-akbar storja li qatt intqalet. Ġużeppi hu wieħed mill-persunaġġi ewlenin li madwarhom iddur din l-ikbar storja li qatt inkitbet. Kienet tabilħaqq sfida għal Ġużeppi li jaċċetta l-verità tal-istorja, u sfida akbar li jbaxxi rasu għar-rwol li ngħatalu f'din l-istorja li kienet rivelata lilu f'misteru, f'ħolma profetika li hu ma setax jifhem. L-istess kif inhi sfida għalina li naċċettaw li Alla jidħol fl-istorja permezz ta' nies umli u moħbija minn għajnejn is-soċjetà; li nifhmu kif l-imħabba t'Alla tinkarna u tirrevela ruħha fl-istorja permezz ta' min jerħi ruħu f'idejn il-pjan divin, etern għax emmen fuq li emmen.

## Storja, Bibbja u Poeżija

L-istorja turina li San Ġużepp kien min-nisel tas-Sultan David. Hemm wara din il-frażi ġenealoġija (Mt. 1, 1-17) maħduma minn nies tajba u oħrajn ħżiena, nies b'saħħithom u oħrajn vulnerabbli; hemm kontinwità tal-istorja; hemm tabilħaqq storja umana li fiha u biha ried jidħol Alla bi storja oħra, proġett tiegħu, l-istorja tas-salvazzjoni. Fidil lejn l-istorja, il-Vanġelu jsejjaħ 'il Ġużeppi 'bin David' (Mt. 1, 20) u 'Ġużeppi mid-dar ta' David' (Lq. 1, 27). Fl-*Innu lill-Patrijarka San Ġużepp,* imbagħad, Dun Karm jindirizza 'l Ġużeppi bl-istess titlu u jgħidlu:

*"O Ġużeppi, nisel David,*
*Neħħi l-ħsieb li qed jifnik.*
*Kemm sfajt kbir fil-għajnejn tiegħu*
*Sid il-ħlejjaq ried jurik,*
*U tal-egħżeż qfil ta' qalbu*
*Il-muftieħ sejjer jagħtik."*



# ROKNA GĦAT-TFAL

## NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU NUŻAW IL-BIBBJA



KOMPETIZZJONI
FR WISTIN ATTARD OFMCAP

## NRU 41 OĠĠETTI FIL-BIBBJA (1)

- ○ ARPA
- ○ BEXXA
- ○ BORMA
- ○ BORRA
- ○ ĊAPPETTI
- ○ ĊETRA
- ○ DUĦĦAN
- ○ FLAWT
- ○ ĦASIRA
- ○ INSETT
- ○ KITLA
- ○ KURAZZA
- ○ MAGĦŻEL
- ○ PLATT
- ○ QASBA
- ○ RANĠIS
- ○ RUMNELL
- ○ SAQQU
- ○ XEWKA
- ○ ŻBANDOLA

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċ | T | T | A | L | P | R | A | Q | A | S | B | A |
| A | E | W | Ħ | Z | A | E | N | O | R | N | Z | R |
| P | Ż | T | A | I | M | X | A | M | X | Z | X | R |
| P | B | U | D | L | E | Ż | Ħ | G | A | M | E | A |
| Ċ | A | Q | U | W | F | B | Ħ | R | A | U | W | N |
| T | R | Q | K | L | O | A | U | Q | L | B | L | Ġ |
| T | U | A | U | R | Ċ | K | D | Ħ | O | E | L | I |
| I | N | S | Q | A | E | I | R | A | D | X | E | S |
| B | O | R | R | A | T | T | E | S | N | I | N | A |
| I | F | T | O | X | M | L | N | I | A | R | M | Q |
| S | E | Ħ | M | X | G | A | Ċ | R | B | P | U | O |
| Ċ | A | B | K | E | Ż | B | W | A | Ż | I | R | P |
| A | M | R | O | B | F | L | I | A | Ħ | T | W | A |

# TISLIBA NRU 166

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ■ | 2 | ■ | 3 | ■ | 4 | ■ | 5 | ■ | 6 |
| 7 | | | | | ■ | 8 | | | | |
| | ■ | | ■ | | ■ | | ■ | | ■ | |
| 9 | | | ■ | 10 | | | | | | |
| | ■ | | ■ | | ■ | | ■ | ■ | ■ | |
| ■ | 11 | | | ■ | ■ | ■ | 12 | 13 | | ■ |
| 14 | ■ | ■ | ■ | 15 | ■ | 16 | ■ | | ■ | 17 |
| 18 | | 19 | | | | | ■ | 20 | | |
| | ■ | | ■ | | ■ | | ■ | | ■ | |
| 21 | | | | | ■ | 22 | | | | |
| | ■ | | ■ | | ■ | | ■ | | ■ | |

1. Xi tnixxef ix-xemx. (Ġak. 1, 11) (5)
2. Fejn ħadu lil Menelaw. (2 Mak. 13, 4) (6)
3. Lil dawk li hekk għamlu f'Ġesù. (1 Tess. 4, 14) (5)
4. Lil min jagħtu ġieħ. (Neħ. 1, 11) (5)
5. ... għalihom li ħarbu minni. (Hos. 7, 13) (4)
6. Li kien jimmerita l-mewt. (Mk 14, 64) (5)
7. Ta' min huma x-xbihat. (Imħ. 3, 7) (5)
8. Qalbu hekk. (Sir. 7, 11) (5)
9. Nerfa' din u nitlob. (S. 77, 3) (3)
10. Ta' xiex hu l-jum. (Għabd. 14) (7)
11. u 12. Biex ... presbiteri f'kull belt. (Tit. 1, 5) (6)
13. Araw lili! (Rum. 9, 33) (6)
14. Hekk jagħmel b'sebgħu. (Num. 19, 4) (5)
15. Issa ... l-poplu t'Alla. (1 Pt. 2, 10) (5)
16. Ġew jilqgħu lil Eliżew. (2 Slat. 2, 3) (5)
17. Missier dawk li jdoqqu ċ-ċetri. (Ġen. 4, 21) (5)
18. Jimla ħamsin minnhom. (Ħag. 2, 16) (7)
19. Marki ta' rġiel, nisa u ... (Dan bil-Grieg 14, 20)
20. Kunu ... mela. (Gal. 3, 7) (3)
21. Ġejjin minn hawn u l-Punent. (Bar. 4, 37) (5)
22. Illum tkun hawn miegħi. (Lq. 23, 43) (5)

Agendabookshop

Soluzzjoni għal Tisliba #165

1. Ġdida; 2. Intqal; 3. Fuqna; 4. Ħatfa; 5. Ebda; 6. Irqiq; 7. Dinbu; 8. Akbar; 9. Daq; 10. Naftali; 11. u 12. Flotta; 13. Tromba; 14. Denji; 15. Inbid; 16. Narak; 17. Isorr; 18. Essenza; 19. Semm; 20. Ors; 21. Jimxi; 22. Aħbar.

Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Mejju 2018

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni Rokna għat-Tfal - Aħseb u Wieġeb: Daniel Camilleri - 16, Ta' Marie Court - Triq Ċensu Busuttil - il-FGURA. Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 165: Filippa Xuereb - 3 A/16, Triq Il-Kbira - Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1410. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA'TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

**1. Borża ta' studju**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati**
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5.

**3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Fix-xahar ta' April irbaħna €540 u fix-xahar ta' Mejju €233. Grazzi.

**4. Bażar b'risq il-missjoni**
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; il-Qawra; parti minn Birkirkara; l-Isla; Tas-Sliema u parti mill-Marsa.

**6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. Intenzjonijiet għall-quddies**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.




**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**


BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
HSBC Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
HSBC Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052